**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sylvana Briffa)**
**(Spettur Joseph Busuttil)**

**vs.**

**Jesmond Gauci**

Numru: 85/2014

Illum 28 ta' Gunju 2017

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat **Jesmond Gauci**, ta' wiehed u erbghin (41) sena, iben Anthony u Lucia neé Azzopardi, imwieled Rabat, Ghawdex, nhar il-31 ta' Dicembru 1972, residenti gewwa l-fond 134, Triq it-Tmienja u Ghoxrin ta' April 1688, Xaghra, Ghawdex, u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-numru 1473(G), akkuzat talli:

f'Marzu tal-2014 u fix-xhur u s-snin ta' qabel, gewwa dawn il-Gzejjer, b`diversi atti maghmulin minnu wkoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. b'eghmil zieni kkorrompa lill-minuri OMISSIS, OMISSIS u OMISSIS;

2. ippartecipa f'attivitajiet sesswali ma' l-istess minuri OMISSIS, OMISSIS u OMISSIS;

3. bi vjolenza kkommetta attentat vjolenti ghall-pudur fuq l-istess minuri OMISSIS, OMISSIS u OMISSIS;

4. bl-imgieba tieghu gab ruhu b'mod li ta fastidju lil OMISSIS b'mod li kien jaf jew kien imissu kien jaf li dan kien ta' fastidju ghal OMISSIS;

5. uza xi *network* jew apparat ta' komunikazzjonijiet elettronici fornut minn impriza ghal ghan li ma jkunx dak li gie fornut ghalih, jew ittraskura milli josserva l-istruzzjonijiet li jkunu mahruga minn impriza ghall-uzu kif imiss tan-*network* jew apparat ta' komunikazzjonijiet elettronici jew inkella uzah b' mod mhux kif imiss.

Il-Qorti giet mitluba sabiex, jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta' tal-imsemmija minuri OMISSIS, OMISSIS u OMISSIS u lill-familji taghhom u persuni ohra u minn issa tapplika l-provedimenti tal-Artikoli 412C tal-Kodici Kriminali u taghmel Ordni ta' Protezzjoni taht dawk il-kawtieli li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 468) datata 12 ta' Novembru 2015 li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub:

1. fl-Artikolu 203(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. fl-Artikolu 204C(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. fl-Artikolu 207 b'referenza ghall-Artikolu 202(k) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. fl-Artikoli 208AC(1)(g) u 208AC(2)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. fl-Artikolu 208B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
6. fl-Artikolu 251A(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
7. fl-Artikoli 383, 384, 385, 386, 387 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
8. fl-Artikoli 17, 18, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
9. fl-Artikolu 49(c) tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi, waqt l-udjenza tat-18 ta' Novembru 2015 (*a fol.* 469 *et seq.*), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fit-12 ta' Novembru 2015, u f'liema seduta l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Semghet, fis-seduti tal-11 ta' Jannar 2017 u tat-22 ta' Frar 2017, lill-imputat jixhed minn jeddu u b'mod volontarju (*a fol.* 526 *et seq.* u *a fol.* 546 *et seq.*).

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mid-difiza.

Semghet, fis-seduta tas-17 ta' Mejju 2017, is-sottomissjonijiet finali bil-fomm da parte tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza (*a fol.* 606 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tal-4 ta' Settembru 2014, xehdet l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Sylvana Briffa** (*a fol.* 63 *et seq.*) fejn tispjega li fis-7 ta' Awwissu 2014 l-iSkwadra ta' Kontra l-Vizzji rcevew ittra kunfidenzjali minn ghand l-Isqof ta' Ghawdex Mario Grech fejn irraporta li kien sar jaf b'kaz ta' allegat abbuz sesswali fuq il-minuri OMISSIS li allegatament sehh mill-imputat li huwa qassis. Hija

tispjega x'ghamlet fl-investigazzjonijiet taghha fejn, fost l-ohrajn, tghid li baghtet ghal OMISSIS u ghall-imputat u tghid x'qalulha. Spjegat ukoll li l-investigazzjonijiet kienu jikkoncernaw wkoll allegazzjonijiet li saru minn OMISSIS ta' dsatax (19)-il sena li fiz-zmien tal-allegazzjoni kienet ghadha minorenni. Tispjega x'qalet OMISSIS. Tixhed ukoll li waqt l-investigazzjonijiet irrizulta li l-imputat kien jibghat messaggi lil OMISSIS li fiz-zmien li kienu jibghatu messaggi lil xulxin kienet ghadha wkoll minorenni. Spjegat x'qaltilha l-imsemmija OMISSIS. Tghid li l-imputat irrilaxxa zewg stqarrijiet li jinsabu ezebiti u mmarkati bhala Dok. "C" (*a fol.* 11 *et seq.*) u Dok. "D" (*a fol.* 16 *et seq.*).

L-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Sylvana Briffa** regghet hadet il-pedana tax-xhieda fis-seduta tal-5 ta' Mejju 2015 (*a fol.* 367) fejn ezebiet certifikat ta' twelid ta' OMISSIS, OMISSIS u OMISSIS li gew immarkati bhala Dok. "SB 3", "SB 4" u "SB 5" (*a fol.* 368 *et seq.*)

Illi, fis-seduta tal-4 ta' Settembru 2014, xehdet ukoll **OMISSIS**[1] (*a fol.* 83 *et seq.*) fejn, filwaqt li taghmel riferenza ghal erba' (4) snin qabel f'liema zmien il-genituri taghha kien diga kellhom problemi fiz-zwieg, tiddeskrivi li waqt li kienet qed tisma l-muzika fil-kabina tad-dghajsa, fuq liema dghajsa kien hemm ukoll il-genituri taghha, l-imputat mar hdejha, u waqt li kien qed jisma' d-diski maghha, l-ewwel messielha sidirha minn fuq il-flokk li kellha u mbaghad messielha l-parti privata taghha minn fejn tghaddi l-awrina minn fuq il-malja li kienet liebsa. Tghid li kienet bil-qieghda pero tghid li kellha saqajha 'l fuq u kienet kwazi mimduda. Mistoqsija x'kienet liebsa tghid: *"malja jew bikini xi haga hekk u kelli flokk fuqha imma"* (*a fol.* 86). Mistoqsija kif irreagixxiet meta messielha sidirha, qabel messilha l-parti ta' isfel, wiegbet: *"Qisni bqajt, qisni ma ridtx nemmen, jigifieri, ghax hu qassis, u ghidt forsi, qisni bdejt nipprova nahseb li ma ghamillix hekk"* (*a fol.* 86). Tghid li fil-kamra ma kien hemm hadd iehor. Tghid li ma qaltlu xejn. Tghid li imputat waqaf ghax ommha ghajtitlu biex imur ghal kafé. Tixhed li kienet l-ewwel darba li l-imputat mar fuq id-dghajsa. Tispjega kif inhi mqassma d-dghajsa u tghid li biex tasal ghall-kamra taghha trid bilfors tghaddi

[1] OMISSIS xehdet bis-sistema tal-*video conferencing*.

mill-kcina u mil-*living room* u li mill-kamra taghha ma hemmx aktar kmamar. Tixhed: *"Qatt ma tani impressjoni li kien, li kien ha jaghmel hekk"* (*a fol.* 91). Tghid li marret hdejn ommha u qaltilha x'kien gara. Tixhed li ommha ma qaltlu xejn lill-imputat dak il-hin u meta marru d-dar dakinhar qalu lil missierha u li missierha ma emminhiex. Tixhed li xahar wara marret *barbeque* fejn kien hemm l-imputat u li minn dakinhar tad-dghajsa sa' dakinhar tal-*barbeque* lill-imputat ma kinitx ratu. Tghid: *"Ghax ma mortx quddies u kull fejn kien hemm hu jien ma ridtx immur"* (*a fol.* 94). Mistoqsija ghala, tghid: *"Ghax qisu x'hin rajt li ghamilli hekk bqajt nibza' minnu"* (*a fol.* 94). Tghid li maret il-*barbeque* ghax missierha gieghlha tmur. Tixhed li ghal *barbeque* kien hemm il-genituri taghha u waqt li kienet qed tiekol, l-imputat mar minn wara, ghannaqha, messilha sidirha u hi mbuttatlu idu. Tghid li l-imputat telaq u li ommha qaltilha li rat lill-imputat jaghmel hekk. Tghid li dakinhar tal-*barbeque* kienet liebsa flokk iswed bla kmiem u *jeans* iswed. Tghid li l-imputat messielha wiehed minn sidirha u li ma kellmitux ghax ma riditx tiksru u li anqas ommha ma ghamlet xejn. Tixhed li mentri ommha kienet magenbha, missierha ma kienx magenbha ghax kien qed jsajjar. Tghid li dakinhar stess tal-*barbeque* meta waslu d-dar qalet lil missierha b'dak li kien gara u li missierha ma riedx jemmen. Tghid li qalet lis-*social worker* u lil nannietha OMISSIS b'dak li kien gara. Tiddeskrivi lill-imputat bhala persuna *friendly* hafna man-nisa u li jaghmel affarijiet li soltu jaghmilhom *boyfriend*. Tghid li dakinhar tal-*barbeque* rat lill-imputat jixrob l-alkohol u li setghet ixxomm riha ta' alkohol pero ma tafx ta' xiex u li l-imputat beda mixi sew. Tghid li ommha qalet lil Dun Manwel u li hi kienet maghha meta qaltlu. Dan qalilha biex ma tghid xejn u thalli l-kaz maghluq u hi hekk ghamlet. Tixhed li madwar gimaghtejn wara l-*barbeque*, missierha stieden lill-imputat ghall-ikel id-dar u meta ommha qaltilha b'dan: *"Jien bdejt nibki kemm niflah u bdejt nitrieghed u kont cempilt lin-nanna biex tigi ghalija ghax ma ridtx noqghod hemmhekk fejnu"* (*a fol.* 103). Tghid li missierha raha tibki u qalilha li kienet qed taghmel hekk biex tigbed l-attenzjoni. Nannietha marret ghaliha u hi ma baqghetx ghall-ikla. Tghid li nannietha qalet lill-Isqof t'Ghawdex b'dak li kien gara xi sitt xhur qabel hija xehdet fil-Qorti.

Tghid li marret ghand numru ta' psikologi u *social workers* u li ma kinitx torqod bil-lejl. Tghid li kienet dejjem tibki u dejjem titrieghed u li ma tantx tafda lill-hbieb. Tghid li l-genituri taghha sseparaw u li ma ghandhiex relazzjoni tajba ma' missierha ghax ma riedx jemmen b'dak li kien ghamlilha l-imputat. Tghid li wara l-ikla ghand il-genituri taghha qatt ma regghet rat lill-imputat, *"ghax kull darba li nkun naf li se jkun x'imkien, nevitah"* (*a fol.* 108).

In <u>kontro-ezami</u> tghid li hija certa li fuq id-dghajsa kien hemm biss il-genituri taghha, l-imputat u hi. Tghid li kien hemm xi hbieb ohra ta' missierha ankrati mad-dghajsa taghhom. Tghid li l-kamra tas-sodda taghha hija kbira kemm toqghod sodda *double-bed* u li l-imputat qatt ma pogga fuq is-sodda. Tghid li darha kien mal-*headboard* u l-warrani u saqajha kienu fuq is-sodda. Tghid li l-bieb tal-kamra kien dejjem miftuh u li l-imputat dam madwar hames minuti jisma d-diski magenbha. Tghid li d-diska kienet *"I like it"* ta' Enrique Iglesias u tixhed: *"Naf li dik id-diska ghax ma rridx nismaghha"* (*a fol.* 111). Tghid li kellha *headphone* f'widna taghha u *headphone* ohra f'widna tieghu. Tghid li tatu *headphone* ghax l-imputat staqsieha biex jisma d-diski. Tghid li fejn kienet hi fil-kamra tas-sodda taghha, ommha setghet tara kollox minn gol-mera. Il-kamra tghid li ghandha twieqi zghar u kienu bil-*blinds*. Tghid li tul il-hin li l-imputat kien fil-kabina hdejha, saqajha baqghu fl-istess pozizzjoni ghax hi ma setghetx tnizzilhom peress li kien hemm hu bil-wieqfa. Tikkonferma li meta kienet il-*barbeque* kien hemm hafna nies. Tghid li l-imputat ma qalilha xejn meta mar minn warajha u mbaghad qalilha *"Hello. Kif int?"* (*a fol.* 114). Tghid li hi kienet qed tiekol bil-qieghda u jdejha kienu qed imissu mal-mejda.

Illi, fis-seduta tal-4 ta' Settembru 2014, xehdet ukoll **OMISSIS**[2] (*a fol.* 118 *et seq.*) fejn meta giet mistoqsija tghid jekk sarx xi rapport lill-Isqof ta' Ghawdex, wiegbet li dan sar minn ommha. Tispjega li fiz-zmien l-Ghid tas-sena 2011 marret flimkien ma' ommha u nannietha ghal quddies fil-kappella ta' Santa Marta. Mistoqsija tghid jekk kienx hemm nies, tghid: *"Nahseb"* (*a fol.* 121). Aktar tard tghid: *"Ma tafx"* (*a fol.* 121). Tghid li marret ghal qrar fis-sagristija u

[2] OMISSIS xehdet bis-sistema tal-*video conferencing*.

li hi u l-imputat kienu bil-wieqfa. Tixhed li fis-sagristija ma kien hemm hadd iehor. Tghid li meta sabet lill-imputat qaltlu li riedet tqerr u *"hekk, all of a sudden prova jbusni"* (*a fol.* 122). Tghid li pprova jbusha u ma tafx x'ghamlet biex ma thalliehx ibusha. Aktar tard tghid li mbuttatu. Tghid li dahar l-imputat kien mal-bank. Mistoqsija tghid x'ghamel l-imputat biex jipprova jbusha, tghid: *"ressaq halqu ma' halqi"* (*a fol.* 124). Mistoqsija mill-Qorti jekk l-imputat harigx xufftejh il-barra jew hallihomx kif kienu, wiegbet li halliehom kif kienu. Mistoqsija tghid kif taf li kien se jbusha, tghid: *"ghax gibidni lejh"* (*a fol.* 124). Tghid li gibidha lejh mill-flokk. Tghid li meta rnexxielha twaqqfu, l-imputat kien harira l-boghod minn wiccha u tispecifika li kien hemm madwar ghaxar (10) centimetri. Tghid li qaltlu: *""Int qassis, itlaq 'l hemm? Int qassis, itlaq 'l hemm! Hallini bi kwieti!""* (*a fol.* 126). Tghid li hekk kif harget il-barra qalet lil ommha. Tixhed li qabel l-imputat ipprova jbusha, l-imputat talabha n-numru tal-*mobile* u beda jissikkaha u ghall-ewwel ma taghtulux imbaghat taghtulu. Mistoqsija tghid jekk hux certa li kien fl-istess gurnata li pprova jbusha, tghid li hija certa u li ma ghandhiex dubju. Tghid li wara li taghtu n-numru tal-*mobile*, dakinhar stess l-imputat beda jiffittaha u tghid: *"Beda jibghat hafna kliem li mhux ta' qassis"* (*a fol.* 129). Tghid li kien jibghat kliem indicenti. Mistoqsija x'tip ta' messaggi, waqfet ftit u meta l-Qorti qaltilha twiegeb, qalet: *""Kemm nixtieq narak gharwiena""* (*a fol.* 132). Tixhed li l-imputat kien baghtilha *""inzel ha narak"" (a fol.* 130) u hija tghid li qatt ma harget biex tarah. Tghid li kien jibghatilha hafna messaggi f'diversi granet u hi gie li ma wegbitx u gie li wiegbet u kienet iggib xi skuza. Tghid li l-imputat kien jibghat il-messaggi fil-ghaxija. Tixhed li ommha kienet tistaqsieha ma' min kienet qed tikkomunika regolari u hi qaltilha li kien l-imputat li kien qed jibghatilha u ommha haditilha l-*mobile* u qrat il-messaggi. Tghid li minn mindu tat in-numru tal-*mobile* lill-imputat sakemm ommha rat il-messaggi ghaddew qisu madwar hamest'ijiem. Tghid li hi toqghod ma' ommha u man-nanna. Tispjega li meta ommha rat il-mesaggi, dakinhar stess hi flimkien ma' ommha marru ghand tal-Vodafone biex johorgu *print-out* tal-messages u xi granet wara marret ghand l-Isqof. Ezebiet kopja tal-messaggi li gew immarkati bhala Dok. "JG 1" (*a fol.* 151 *et seq.*) u giet mistoqsija numru ta' domandi fuq dawn il-messaggi. Tghid li hija qatt ma tatu wicc lill-

imputat u li qatt ma marret tiltaqa' mieghu. Tikkonferma li kienet *friend* fuq *Facebook* mal-imputat u tikkonferma wkoll li l-imputat gie li kellimha fuq *Facebook*. Mistoqsija tghid x'kien it-tip ta' paroli fuq il-*Facebook*, tghid: *"Ma kienx ta' qassis"* (*a fol.* 139). Infurmatha mill-Qorti biex ma tisthiex, tghid: *""Kemm nixtieq narak gharwiena""* (*a fol.* 139). Tghid li dan il-kliem qalulha diversi drabi. Mistoqija tghid x'kien jghidilha aktar, tghid: *"Dik biss li niftakar"* (*a fol.* 140). Tixhed li ma ghandhiex kopja tal-messaggi fuq il-*Facebook* peress li ma baqghux issevjati. Tghid li l-messaggi ta' Dok "JG 1" (*a fol.* 151 *et seq.*) m'ghadhomx ghandha peress li biddlet il-*mobile*.

Tixhed li lill-imputat saret tafu ghax meta kienet Form 1 kienet marret ghal privat ghal madwar gimgha biss ghand Donald Gauci li jigi hu l-imputat. Tghid li l-privat kien isir fil-kcina u li l-imputat kien igebbdilha xaghrha. Mistoqsija tghid jekk hijiex certa li marret privat ghal gimgha biss, wiegbet li darba biss marret. Mistoqsija tghid jekk hux certa, tghid: *"Ma nafx"* (*a fol.* 148). Tghid li ma regghetx tmur tqerr ghand l-imputat u mistoqsija tghid jekk baqghetx tmur ghall-quddies fil-kappella ta' Santa Marta, wiegbet fin-negattiv u mistoqsija tghid ghala, wiegbet: *"Mhux minhabba Jesmond!"* (*a fol.* 149).

Illi, fis-seduta tal-4 ta' Settembru 2014, xehdet ukoll **OMISSIS**[3] (*a fol.* 156 *et seq.*) fejn qalet li lill-imputat ilu tafu madwar sentejn. Tghid li tafu fil-Katidral ta' Ghawdex peress li kien jaghmel il-quddiesa tat-tfal u kien ikellimha bhal ma kien ikellem lil tfal ohra. Tghid li darba minnhom l-imputat mar fejn kienet hi u l-hbieb taghha f'Marsalforn u hu baqa' jmur ta' spiss hdejhom. Tghid li kienu jiltaqghu f'diversi postijiet u dan kien isir l-aktar fis-sajf. Tispjega li darba minnhom waqt li kienu Marsalforn, waqt li shabha baqghu l-bahar, hi u l-imputat marru jixtru ghal kulhadd minn go *kiosk* u huma sejrin lura, l-imputat ghafasha minn wara minn taht sidirha. Tixhed: *"Ghafasni ma' sidri, ghafasni minn wara u qalli, "cosy, cosy". U jien ghidtlu, imbuttajtu, ghidtlu, "hallini!" ghidtlu, "Tmissnix!""* (*a fol.* 157). Tghid li dan gara meta kienet ser tibda x-xitwa. Ma tiftakarx ezatt meta gara dan. Tghid li ma ratx wicc l-

[3] OMISSIS xehdet bis-sistema tal-*video conferencing*.

imputat meta ghafasha minn wara. Tispjega li wara dakinhar l-imputat baqa' jmur hdejhom. Tghid li l-imputat kellu numru tal-*mobile* taghha peress li hi kellha bzonn *past paper* tal-matematika u qalilha biex taghtih in-numru taghha u hi taghtulu. Tixhed: *"U x'hin tajtu n-numru tieghi minflok ma' gabli l-past paper qaghad ikellimni, ipprova jifflertja mieghi, qed tifhem?"* (*a fol.* 159). Tghid li kien jibghatilha messaggi bhal: *"kif int, sweet?"* (*a fol.* 160). Tixhed li darba minnhom marru go klabb f'Marsalforn u l-imputat qalilhom li kien sejjer hdejhom u fil-fatt mar, u *"kien qaghad imissni, qaghad igebbidni minn wara [mill-flokk] u jien ghidtlu, ghidtlu, harist wahda bl-ikrah lejh u daqshekk, fhimt, ma baqax ikellimni spiss"* (*a fol.* 160). Tghid li minn ghaliha li dan gara qabel tal-*kiosk*. Mistoqsija tghid jekk l-imputat kienx jibghat messaggi ta' spiss, wiegbet: *"Mhux dejjem, dejjem; gie li, mhux ta' spiss. Ghamel habta mhux ta' spiss. Skont, imma ghax mhux dejjem l-istess"* (*a fol.* 161). Tikkonferma li l-Pulizija baghtu ghaliha u ma tafx kif saru jafu biha. Tghid li lill-ommha qaltilha fuq tal-*kiosk* u kif ukoll meta mar biex igebbidha u li ommha qaltilha biex ma taqlax inkwiet. Tghid li wara dakinhar lill-imputat baqghet tkellmu. Tixhed li darba minnhom l-imputat staqsieha: *"inti ngbart, sex?"* (*a fol.* 163) u darba ohra qalilha, *"il-istra x'sider ghandek!"* (*a fol.* 163) u hi tghid: *"Jien ta' tfal li kont ghidtlu thanks"* (*a fol.* 163). Mistoqsija tikkonferma jekk il-messaggi, *"hawn sex, ingbart?"*, *"kemm nixtieq narak"* bil-bews, kienx jibghathomlha l-imputat, tghid: *"Ma nafx issa, issa minn fuq il-mobile tieghu, imma nahseb li certa bilfors li hu"* (*a fol.* 163). Tikkonferma li l-messaggi li giet murija kienet tircevihom. Tikkonferma li lill-imputat kienet tibghatlu messaggi bhal *"cempel sweetie, honeybunch"* u *"haw sorry, imma kien hawn l-gharus, ghalhekk, issa jien narak illum ok?"* u tghid: *"Iva, ghidtlu "kien hawn l-gharus" ghax ma ridtux jahseb li hu l-gharus tieghi jien mmur niltaqa' ma' ragel iehor, qed tifhem, ridtu jifhem li just father kien qed ikun hdejna. U jien ghidtlu hekk, "sweetie honeybunch" ghax jien lil shabi kollha hekk nghidilhom u hekk hargitli dakinhar. Bla fini ta' xejn"* (*a fol.* 164). Tikkonferma li gie li baghtet, *"mela narak illum, ok"* u tghid: *"Iva, ghax kien gej hdejna fil-ghaxija jiena ghidtlu hekk"* (*a fol.* 165). Tghid li qatt ma ltaqghet mal-imputat wahdu. Tghid li fuq il-*Facebook* l-imputat gie li baghtilha kliem bhal: *"il-istra dalwaqt jaqbzulek, x'par boobies ghandek!"* (*a fol.* 166). Tghid li lill-imputat ma kinitx tkellmu regolarment fuq *Facebook* u li wicc

imb'wicc l-imputat gie li qalilha: *""Il-istra x'sider gghandek!" u hekk. Iqabbez ghajnejh"* (*a fol.* 166). Ghad-domanda: *"Da parti tieghek, meta kontu tkunu prezenti inti u shabek, lil Fr. Jesmond gie li rajtu jagixxi mal-ohrajn kif kien jagixxi mieghek?"* (*a fol.* 169), wiegbet: *"Bil-kliem, bil-kliem kien jipprova jifflertja"* (*a fol.* 169). Tghid: *"Jifflertja, "Kemm int sexy", u hafna hekk, affarijiet hekk"* (*a fol.* 169).

Illi, fis-seduta tal-14 ta' Ottubru 2014, xehdet **OMISSIS** (*a fol.* 185 *et seq.*) fejn bdiet billi qalet li OMISSIS tigi bintha. Tispjega li ghal habta ta' Marzu tas-sena 2011 kienet tmur il-kappella ta' Santa Marta flimkien ma' ommha u ma' bintha. Tghid li saret taf li kien hemm komunikazzjoni ta' messaggi bejn l-imputat u bintha u mistoqsija kif saret taf, wiegbet hekk: *"Sirt naf ghax imbaghad darba minnhom kont qieghda nisma' message dahal, ghidtilha, "Dan min baghtlek?" jien. Imbaghad qaltli – ghidtilha, "ha nara min!", u kien hemm "inhobbok". Xi haga hekk. Ghidtilha, "Dan min baghtulek?!", qaltli "Father". Ghidtilha "Father?!", ghidtilha, "Mela father jghidlek "inhobbok?". Imbaghad minn hemm l-affari bdejt. Imbaghad indunajt"* (*a fol.* 187). Tixhed li l-imputat li kien talab in-numru tal-*mobile* ta' bintha quddiemha. Tghid: *"Imbaghad rajtha qisha donnha ma riditx. [...i]mma kelma ohra, rega' qalilha u taghtulu"* (*a fol.* 187). Tispjega li meta hadet il-*mobile* lil bintha kien hemm hafna kliem li ma ghogobhiex. Mistoqsija taghti ezempju, tghid: *""U ejja ghax naghfsek, inrossok mieghi""* (*a fol.* 188). Tghid li hadet il-*mobile* ghand tal-Vodafone u nhargu l-messaggi li kien hemm fuq il-*mobile*. Tghid: *"Il-Vodafone tawni dawn il-kliem hu. Dan il-kliem kollu li kien jghidilha, "naghfsek mieghi; irrid hekk. Ahrab". Biex tahrabli. Biex tohrogli, jiena nkun rieqda u hi tohrog, jigifieri, imqar fuq il-Facebook, "nixtieq narak nuda". Hafna kliem hekk"* (*a fol.* 189). Tghid li hija rat dawn il-messaggi. Ezebiet il-messaggi li gew printjati li jinsabu f'dokument immarkat bhala Dok. "MG 1" (*a fol.* 200 *et seq*).[4] Tispjega li tkellmet ma' Jennifer Cini, psikologa tal-istudenti fl-iskola ta' Sannat, u li flimkien ma' Cini marret ghand l-Isqof ta' Ghawdex bil-messaggi li gew printjati. Tghid li xehdet quddiem ir-*Response Team* f'Malta u li wara li ghaddew tlett snin baghtu ghaliha l-Pulizija. Tghid li lil bintha kienet tibghatha ghall-privat ghand hu l-imputat u bintha kienet qaltilha li ma riditx tmur aktar ghall-

[4] Dawn huwa l-istess dokument bhal Dok. "JG 1" (*a fol.* 151 *et seq.*).

privat u wara li staqsietha ghala, OMISSIS qaltilha li hu l-ghalliem kien jaqbdilha xaghrha. Mistoqsija tghid kemm il-darba hadet lil bintha ghal privat ghand hu l-imputat, tghid li madwar hames darbiet. Tghid li bintha qatt ma harget wahidha peress li ma kellhiex kunfidenza u peress li kellha dizabilita' minhabba saqajha. Ezebiet numru ta' dokumenti li gew immarkati minn Dok. "MG 2" sa Dok. "MG 6" (*a fol.* 205 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-4 ta' Novembru 2014, xehdet OMISSIS (*a fol.* 219 *et seq.*) fejn qalet li hija separata minn ma' zewgha u li hi tigi omm OMISSIS. Tispjega li erba' snin qabel kienu jmorru l-quddies fil-kappella ta' Santa Marta u li fis-sajf tas-sena msemmija hi, zewgha u bintha kienu fuq id-dghajsa taghhom f'Kemmuna u aktar tard mar l-imputat fuq id-dghajsa. Tghid li bintha OMISSIS kienet fil-kamra taghha minn liema kamra ma stajt tmur imkien aktar. Tghid li l-imputat mar fil-kamra fejn kien hemm bintha OMISSIS u marret fil-kamra fejnhom fejn l-imputat u OMISSIS bdew jisimghu d-diski, f'liema hin l-imputat kien bil-wieqfa. Tghid: *"U lil OMISSIS rajtha qisha, kienet hekk qisha wiccha rajtu li mhux sewwa. Imbaghad ghidtilhom, ghidtlu, naghmillek kafé? U hareg u OMISSIS ghadni niftakarha, harget warajh dritt. U jien rajtha lit-tifla, ghax jiena t-tifla tieghi dik dejjem mieghi, ghadha sal-lum, u rajtha li wiccha jigifieri li gralha xi haga. U ma kellimtha xejn"* (*a fol.* 222). Tghid li kien wara li l-imputat telaq minn fuq id-dghajsa li staqsiet lil bintha jekk kellhiex xi haga. Tghid: *"indunajt li t-tifla mhix sewwa"* (*a fol.* 223). Mistoqsija kif indunat, wiegbet: *"Wiccha, minn wiccha indunajt li t-tifla kienet imbezza', li gralha xi haga. […] OMISSIS nizgurak li tifla ghadha sal-lum la tohrog discos, it-tifla tieghi timida hafna"* (*a fol.* 223). Tghid li bintha qaltilha li l-imputat kien qabdilha sidirha u l-parti taghha minn fuq il-hwejjeg u li bintha kienet imbezza' hafna. Tghid li meta qalet lil zewgha, dan ma emminx. Tispjega li dakinhar bintha kienet liebsa malja ta' tnejn u kellha flokk twil fuqha. Tghid li bintha ma riditx tmur aktar il-quddies fil-kappella ta' Santa Marta ghax qaltilha li kienet tibza' mill-imputat. Tixhed li lill-bintha qaltilha li forsi l-imputat kien laqatha, pero tixhed hekk: *"Qaltli "le, mummy!" Qaltli, qabadni, qaltli ghax jiena naf x'hassejt. U jien ma kontx nissikkaha, ma tridx tigi maghna quddies, mela kont intellaghha ghand il-mummy, in-Nadur"* (*a fol.* 227). Spjegat li xi xahar wara, l-

imputat organizza *barbeque* f'Marsalforn ghal liema *barbeque* zewgha qaghad isajjar peress li huwa habib tal-imputat. Tghid li bintha u hi marru ghal *barbeque* u li kien hemm hafna nies. Tixhed li lil bintha kienet qaltilha li kien ser ikun hemm hi hdejha u li l-imputat ma kienx ser imissha. Tghid li fil-mument li kienet bil-qieghda b'OMISSIS ma' genbha fuq ix-xellug, mar l-imputat jifrah bihom, u tixhed: *"gie hekk on the left u qabdilha [lil OMISSIS] sidiriha minn hawn u jien rajtu"* (*a fol.* 228). Tghid li bintha bdiet titrieghed. Mistoqsija mill-Qorti jekk l-imputat messx id OMISSIS, wiegbet: *"Le, le, le, le, le, le! Sidirha. No! Sidirha. Rajt car. U qabdilha hawnhekk on the side hawnhekk [sidirha] hekk"* (*a fol.* 229). Tghid li bintha bdiet tippanikja u ddecidiet li tmur timxi ma' bintha fejn din bdiet tibki. Tghid: *"Imbaghad hi minn dakinhar 'l hawn quddies ma marritlix iktar. Daqshekk!"* (*a fol.* 229). Tghid li meta l-imputat mess lil bintha, *"Gibditni hekk, "mummy, imxi, imxi, imxi!" Bdiet tghidli"* (*a fol.* 230). Tghid li ftit gimghat wara l-*barbeque*, zewgha stieden lill-imputat ghall-ikel fid-dar taghhom u meta OMISSIS semghet lil missierha jghid lil ommha li kien sejjer l-imputat id-dar taghhom, OMISSIS bdiet tibki. Tixhed: *"qaltli "mummy", qabdet it-telefon, mhux lili ta', qaltli "jekk ma ccempillhix inti lin-nanna, ha ncemplilha jien". Cemplet lil mummy niftakar"* (*a fol.* 233). Tixhed: *"t-tifla tant kemm kienet fi x'hin issemmih tibza' li hi stess lanqas kienet tkun taf, tibda titrieghed u qabditha u haditha maghha n-Nadur"* (*a fol.* 233). Tghid li Dun Manwel kien qalilha biex tinsa kollox. Tispjega li eventwalment ommha kienet marret tghid b'kollox lill-Isqof t'Ghawdex. Tghid: *"U mbaghad jigifieri rraportajna, ghidna kollox lill-Isqof. Biss it-tifla minn dakinhar 'l hawn ha nghidilkom marret hafna lura, specjalment jigifieri skola, jigifieri minn Form 4 u Form 5 aktar ma kinitx tmur milli tmur"* (*a fol.* 234). Tghid: *"Wara li gara kien qabadha. It-tifla jigifieri tigi hafna qisha titrieghed, tigi qisha hafna, in-nervi li jkollha, ir-rabja, tinfexx id-dar. Ix-xaghar haffilha u waqalha hafna lit-tifla. Qed naghmlilha t-treatments ta' xagharha"* (*a fol.* 234). Tghid li kienet tibghatha ghand il-psikologa Jennifer Cini u wara bdiet issegwieha s-*social worker* Angie.

In <u>kontro-ezami</u>, li sar fis-seduta tas-6 ta' Lulju 2016 (*a fol.* 494 *et seq.*), spjegat li bintha OMISSIS ghadha tghix maghha u li ilha f'relazzjoni ma' xi hadd ghal sena. Ikkonfermat li fiz-zmien tal-

allegat incident tad-dghajsa kien hemm diffikultajiet bejnha u zewgha u li zewgha kien avvicina lill-imputat biex jipprova jirrangahom. Tiddeskrivi lil bintha bhala tifla kwieta hafna. Tikkonferma li l-iskola bintha kellha *complementary teacher* peress li kienet timrad bl-influwenza pero tghid li qatt ma kellha psikologu. Tikkonferma li taf lil certu OMISSIS u tghid li din kienet tnaddfilha d-dar u kienu hbieb u li emigrat. Mistoqsija tghid ghala emigrat, tghid li ma tafx u filwaqt li tichad li bintha qalghet xi ghidut fuqha, tghid li bintha kienet qaltilha li tahseb li kien hemm xi haga bejn OMISSIS u missierha. Tichad li bintha qatt ma qalet lil missierha li hija (OMISSIS) kellha relazzjoni ma' xi haddiehor, fosthom ma' OMISSIS. Aktar tard tghid: *"Ma nafx, ma nafx. Jista' jkun forsi qaltlu. Ma nafx"* (*a fol.* 501). Mistoqsija tghid jekk hux minnu li OMISSIS qalet li nannietha kellha xi relazzjoni ma' xi persuna, wiegbet: *"U le, le, le, le, le, le, le, ma jistax ikun, le. Le, le, le, le, hi,, le"* (*a fol.* 503). Tghid li llum il-gurnata bintha ma tmurx il-quddies. Tikkonferma li dakinhar tal-allegat incident tad-dghajsa kienu numru ta' dghajjes marbutin flimkien. Tiddeskrivi d-dghajsa hekk: *"Malli tidhol hawnhekk kien hawn bedroom, konna nuzawha ahna, imbaghad kien hemm il-kcina bis-salott, imbaghad kien hemm il-bedroom fuq quddiem u hi kienet tuza dik"* (*a fol.* 506). Tikkonferma li hemm it-twieqi. Tghid li bintha kienet taf li ghall-*barbeque* kien ser ikun hemm l-imputat pero tghid ukoll li bintha ma riditx tmur u li hija marret wara li missierha (missier OMISSIS) beda jghidilha: *""U ejja, u ejja, u ejja! Mhux maghna ha tkun!""* (*a fol.* 503). Tikkonferma li anke hi hekk qaltilha.

In <u>ri-ezami</u> mistoqsija tghid x'inhi r-raguni ghala bintha ma riditx toqghod id-dar meta mar l-imputat ghandhom, wiegbet: *"Le, ghax it-tifla fi x'hin kienet tarah kienet – jiena nghidlek il-verità, it-tifla kienet issemmi ismu jew kienet tarah, kienet tixxejkja, kienet tibza'. Dik li kienet taghmel. U kienet tghidli, "Mummy, ma rridx! X'hin jigi hu, nitlaq jien. Ma rridx". U kienet tibki"* (*a fol.* 507). Tghid li bintha kienet tbati minn *hair loss* u kif ukoll minn ansjeta' u tghid: *"Imma jista' jkun mhux b'hekk biss; jista' jkun b'affarijiet, jigifieri jista' jkun b'hekk u jista' jkun l-affarijiet li jinholqu, bis-separazzjoni"* (*a fol.* 508). Tghid li kien wara li l-incident u wara li halliet lil zewgha li bdiet tiehu lil bintha ghall-kura ghand psikologu minhabba din il-kundizzjoni. Mistoqsija tghid jekk qabel sehhew l-allegati incidenti gie li ratx

dawn l-istess affarijiet, wiegbet: *"Le ta'. Le, le. It-tifla tieghi, mhux ghax tieghi, kwieta, u dak is-sens li zzomm hafna go fiha. U dik jigifieri jiena qatt ma kont tkellmet maghha. Jigifieri kont, kont nghidilha, "OMISSIS, jekk qieghda tbati b'xi haga ghidli". Imbaghad kienet l-iskola u kienet qalet lil guidance teacher"* (*a fol.* 508).

Illi, fis-seduta tal-4 ta' Novembru 2014, xehdet ukoll **Anne Marie Aquilina** (*a fol.* 237 *et seq.*) fejn spjegat li hija *guidance teacher* fl-iskola fejn kienet tmur OMISSIS. Spjegat x'kien inghad bejnha u bejn OMISSIS. Tghid: *"Kont naraha bhala persuna ftit misthija. Karattru helu u gentili. U onesta. […k]ienet tifla tidher bil-ghaqal"* (*a fol.* 238).

**Anne Marie Aquilina** regghet hadet il-pedana tax-xhieda fis-seduta tad-9 ta' Dicembru 2014 (*a fol.* 269 *et seq.*) fejn ipprezentat zewg *referrals* li kitbet hi meta rriferiet lil OMISSIS lis-*social worker* u lill-*counsellor* tal-iskola, liema *referrals* gew immarkati bhala Dok. "AA 1" u "AA 2" (*a fol.* 271 *et seq.*).

In <u>kontro-ezami</u>, li sar fis-seduta tad-9 ta' Novembru 2016 (*a fol.* 512 *et seq.*), filwaqt li ikkonfermat li fl-istess skola ta' OMISSIS kienet tattendi wkoll OMISSIS, ma setghetx tiftakar jekk OMISSIS kinitx tmur fl-istess skola. Ma jidhrilhiex li OMISSIS u OMISSIS kienu fl-istess klassi u ma tafx jekk kienux hbieb. Filwaqt li kkonfermat Dok. "AA 1" (*a fol.* 271), ikkonfermat ukoll li meta tkellmet l-ewwel darba ma' OMISSIS fir-rapport hemm elenkat li kien hemm il-kwistjoni tas-separazzjoni tal-genituri taghha. Tikkonferma li bintha ma' kinitx tiehu pjacir meta kien ikollha kuntatt ma' missierha u kienet tigi affetwata hazin. Tghid li nhass il-htiega li OMISSIS tigi riferuta ghand *social worker*, kif fil-fatt gara, u dana *stante* li kien hemm diffikultajiet mal-genituri. Tghid li lilha qatt ma ssemmielha isem l-imputat. Tghid: *"Id-diffikultà li zgur li kellha kien mal-missier. Kienet cara li kellha issues mal-missier"* (*a fol.* 516). Mistoqsija tghid jekk kienx hemm diffikultajiet li hi kellha tirriskontra ma' OMISSIS, twiegeb fl-affermattiv u tghid li kien hemm tifla li talbitha l-ghajuna fuq id-diffikultà li kellha ma' OMISSIS fejn giet murija messagg mibghut minn OMISSIS li hi (Aquilina) hassietha skomda taqrah meta baghtet ghal ommha peress li kien hemm kontenut ta' affarijiet adulti. Tikkonferma li

OMISSIS *"lacked communicative abilities and she did lack emotional awareness"* (*a fol.* 519). Tghid: *"She lacked emotional awareness because she wasn't in touch with her feelings. She wasn't aware li, ha jitilghu certu emozzjonijiet li huma normali li jitilghu f'kulhadd specjalment fit-teenagers, u ma kellhiex il-maturità li tesprimihom b'mod san"* (*a fol.* 519). Tghid li OMISSIS kellha habta ggemma l-emozzjonijiet go fiha u mbaghad tinfaqa' bhal meta qabdet tifla minn ghonqha u refghetha mill-art. Tixhed: *"she couldn't handle anger. […M]a kellhiex l-abilita' li tipprocessa cognitively and emotionally il-feelings u l-emozzjonijiet li kienu qed jitilghu biex imbaghad tiehu hsieb taghha nnifisha, biex forsi tesprimihiom b'mod san, b'mod healthy"* (*a fol.* 520). Ghad-domanda: *"[M]eta kellek kwistjonijiet u sitwazzjonijiet ta' this over angrieness, would you describe it as an over-reaction?"* (*a fol.* 520), wiegbet: *"It was an over-reaction. It wasn't normal"* (*a fol.* 520). Tikkonferma li OMISSIS kellha maghha LSA u tghid li kienu waslu fi stat li riedu joqghodu hafna attenti li ma jafdawhiex wahedha ghax kienet twegga' lil xi hadd. Tghid li kien hemm sitwazzjoni fejn il-hbieb ta' OMISSIS kienu jghidulha li OMISSIS kienet qed tohrog ma' xi hadd, u wara kienu jghidulha li dan ma kienx ikun minnu. Tghid: *"kienet tohloq sitwazzjonijiet li m'humiex reali"* (*a fol.* 521). Tghid ukoll: *"Issa jista' jkun li it could be an over-reaction ghax int shabek ikunu qed johorgu ma' xi hadd u allura int biex turi li int bhalhom jista' jkun li taqbad u tghid din il-haga. Però kulhadd kien jaf li mhux vera ghax kienu jghidu shabha"* (*a fol.* 521).

In <u>ri-ezami</u> tghid li OMISSIS kellha ftit rasha iebsa.

Illi, fis-seduta tal-4 ta' Novembru 2014, xehdet ukoll **Rosalie Scicluna** (*a fol.* 240 *et seq.*) fejn spjegat li hija *social worker* fid-Dipartiment tal-Edukazzjoni. Tghid li saret taf lil OMISSIS peress li din giet riferuta ghandha minn Anne Marie Aquilina peress li l-genituri taghha kienu qed jisseparaw. Tispjega li OMISSIS kienet qaltilha li wiehed mill-hbieb ta' missierha, li wara qaltilha li kien qassis, kien messilha sidirha. Spjegat x'gara u x'ghamlet in segwitu ta' dan.

Illi, fis-seduta tal-4 ta' Novembru 2014, xehdet ukoll **Angie Farrugia** (*a fol.* 244 *et seq.*) fejn spjegat li hija *social worker* u li tahdem fic-

Centru Santa Marta li huwa centru ghall-persuni b'dizabilita'. Tghid li hija kollega ta' omm OMISSIS u li omm OMISSIS kienet qaltilha bil-problemi li bintha kienet ghaddejja minnhom. Tghid li l-ewwel darba li rat lil OMISSIS kien f'Marzu 2014. Tixhed: *"very informal konna spicca niltaqghu u gie li morna hadna xi kafé ma' OMISSIS, biex to build up her self esteem"* (*a fol.* 244-245). Tghid li hija taghraf rabja kbira f'OMISSIS. Tghid: *"Semmietli lil Fr. Jesmond u kemm ghandha rabja ghalih u li ma messux gara hekk"* (*a fol.* 246). Tghid li OMISSIS semmietilha l-incident fejn l-imputat messha. Taghraf li f'OMISSIS hemm ukoll rabja ghal missierha. Mistoqsija mill-Qorti ma xiex tassocjaha r-rabja ta' OMISSIS, wiegbet: *"Hi qed issemmi dan l-incident però hemm ukoll ovvjament is-separazzjoni li l-mummy u d-daddy ghaddew minnha"* (*a fol.* 246). Tghid: *"Issa dan l-ahhar per ezempju bdiet skola Malta u kemm ilha li bdiet skola Malta qed tmur beauty course, it-tifla qed tissettja aktar. Ghax din bla hbieb, la tohrog, xejn, jigifieri self-esteem. Però t-tifla ghaddiet minn hafna affarijiet"* (*a fol.* 247).

Illi, fis-seduta tad-9 ta' Dicembru 2014, xehed **Dr. Martin Bajada** (*a fol.* 262 *et seq.*) fejn qal li kien gie nominat sabiex jirtira l-messaggi kollha li jirrizultaw minn zewg *mobile phones* u pprezenta rapport b'CD bil-messaggi liema rapport gie mmarkat bhala Dok. "MB 2" (*a fol.* 264 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-20 ta' Jannar 2015, xehed **Dr. Victor Mercieca** (*a fol.* 282 *et seq.*) fejn spjega li huwa Konsulent Pedjatra fl-iSptar ta' Ghawdex. Spjega x'inhu r-rapport li jinsab *a fol.* 80 tal-process fejn jghid li huwa ha hsieb lil OMISSIS fl-ewwel xhur u ftit snin ta' hajjietha. Jghid li OMISSIS twieldet hafna qabel iz-zmien fejn meta twieldet kienet tizen disa' mitt (900) gramma biss fejn kellha l-polz baxx u ma kinitx qed tiehu nifs immedjatament.

Illi, fis-seduta tal-20 ta' Jannar 2015, xehed ukoll **Dr. Martin Micallef** (*a fol.* 285 *et seq.*) fejn spjega li huwa Psikologu Kliniku. Meta ra r-rapport li jinsab *a fol.* 76 sa *a fol.* 79 jghid li dan huwa rapport ta' *assessment* psikologiku li huwa ghamel fir-rigward ta' OMISSIS wara li gie nkarigat minn ommha fis-sena 2003. Jghid li ra wkoll lil OMISSIS meta kellha tmien (8) snin fejn sab li kemm il-

funzjoni verbali taghha u kif ukoll l-abilitajiet ta' *problem solving* ma kinux qeghdin jiffunzjonaw skond l-età taghha u dan kien qed jaffettwalha t-taghlim. Jghid: *"Sibtha li kienet tifla li kienet kapaci tesprimi ruhha u tifhem ukoll u anke l-verbal reasoning taghha ma kienx hazin. Biss meta jigu ghal affarijiet iktar komplikati tal-età taghha hi kellha diffikultajiet"* (*a fol.* 285). Mistoqsi jispjega x'inhi l-kundizzjoni li ghandha OMISSIS, wiegeb: *"Irrizulta illi hi ghandha dak li jghidulu […] full scale IQ ta' sixty six (66). Jigifieri l-abilitajiet taghha konjittivi, mentali, huma inqas minn dawk ta' tifla tal-età taghha u qieghed fir-range nghidulu mild mental retardation. Issa m'ghadniex nuzaw dik il-kelma; nuzaw mild cognitive deficit, jigifieri qieghda inqas b'mod sinifikanti qieghda fir-range ta' inqas mill-average, inqas mill-average ghall-età taghha. Mhux low average, qieghda inqas mill-average"* (*a fol.* 287). Mistoqsi jghid kemm hu l-*average* ta' dik l-età, jghid li ta' dik l-età jibda minn disghin (90) sa mija u ghaxra (110). Jghid: *"U tajjeb li wiehed jghid illi kif spjegajt qabel kien hemm dik id-diskrepanza, il-verbal kien ahjar, kien eighty five (85), però l-performance kien fifty (50), jigifieri ehe, qisu dawn it-tfal ikunu verbalment jaghtu l-impressjoni li huma kompetenti u hekk imma mbaghad meta jigu ghal per ezempju problem solving, judgment u hekk, hemmhekk ikollhom diffikultà"* (*a fol.* 287). Jghid li ma baqghax jara lil OMISSIS peress li bdiet taraha l-psikologa Jennifer Cini.

Illi, fis-seduta tal-20 ta' Jannar 2015, xehdet ukoll **Jennifer Cini** (*a fol.* 288 *et seq.*) fejn spjegat li hija *educational psychologist* ta' OMISSIS u li l-imsemmija OMISSIS marret biex tkun tista' tigi assessjata l-abilita' taghha biex taghmel l-O Levels jew le. Meta giet murija dokument minn *a fol.* 71 sa 75 qalet li dan huwa *assessment*. Tghid li hi rat lil imsemmija OMISSIS fis-sena 2010 u tixhed: *"Inti tikklassifika intellectual disability meta l-IQ ikun below seventy (-70) u l-ID taghha hawnhekk kien skorja bhala fifty one (51). Imbaghad kellha wkoll l-academic taghha – reading ability u l-ispelling ability li kien ukoll baxx ghall-età taghha, kien qieghed around eleven years nine months, ten years three months. U meta taqra Ingliz in longer text kien eight years seven months, nine years ten months jigifieri dejjem qed nghid fuq hames (5) snin inqas mill-età taghha"* (*a fol.* 289).

**Jennifer Cini** kompliet tixhed fl-istess seduta tal-20 ta' Jannar 2015 (*a fol.* 299 *et seq.*) fejn spjegat li fis-sena 2013 OMISSIS kienet marret ghandha flimkien ma' ommha ghal xi sessjonijiet. Mistoqsija x'irrizultalha, wiegbet li OMISSIS kellha *"low self esteem u anke kien hareg il-fatt illi kienet qed tibza' tmur l-iskola jekk ma jkunx hemm shabha ghax kienet qieghda tibza' tiltaqa' mal-akkuzat"* (*a fol.* 300).

Illi, fis-seduta tal-20 ta' Jannar 2015, xehdet ukoll OMISSIS (*a fol.* 291 *et seq.*) fejn qalet li hija n-nanna ta' OMISSIS u tispjega li meta OMISSIS kellha tlettax (13)-il sena, hija ma riditx tmur fuq id-dghajsa. Tispjega li darba minnhom, meta l-imputat kien ser jiekol fejn toqghod OMISSIS, OMISSIS qaltilha biex jehduha minn hemm u wara qaltilha li darba minnhom waqt li kienu fuq id-dghajsa l-imputat kien messilha sidirha. Tghid li minn dakinhar OMISSIS ma baqghetx tmur aktar fuq id-dghajsa u minflok bdiet tmur ghandha. Tixhed: *"Kienu jibghatu ghaliha l-iskola, it-tifla bhal donnha irribellat, ma kinitx trid tmur qassisin, tmur qassis, tmur knisja. Ahna konna nohduha bi kbira, konna nghidulha l-qassisin mhux kollha xorta. Ix-xaghar ta' rasha beda jehfifilha. Imbaghad bdiet tigri 'l hawn u 'l hinn ghand is-psychologist u hekk. U kont nghidilha, kont nghidilha, "Jahsara l-qassissin mhux kollha xorta. Ghax qed taghmel hekk?". U kienet tghidli, "ma rridx naf, ma rridx naf bi knisja". U konna nehduha bi kbira jien u r-ragel tieghi. Ghax ahna m'ahniex t'hekk"* (*a fol.* 296). Tghid li marret tghid lill-Isqof t'Ghawdex b'dak li qaltilha OMISSIS. Mistoqsija tghid ghala marret tkellem lill-Isqof, wiegbet: *"Ghax it-tifla kienet irribellat. Kienet irribellat it-tifla, la trid tmurilna knisja, la trid taf b'qassisin"* (*a fol.* 297).

Illi, fis-seduta tal-20 ta' Jannar 2015, xehed ukoll OMISSIS (*a fol.* 302 *et seq.*) fejn qal li huwa missier OMISSIS u spjega kif darba minnhom bintu OMISSIS ma riditx tmur il-quddies fejn kien iqaddes l-imputat u jghid li martu u bintu qalulu li l-imputat kien mess lil bintu. Jghid li huwa qatt ma ra lill-imputat jaghmel xi haga f'dan is-sens fil-konfront ta' bintu. Jghid li huwa hadha bhala li bintu qed tivvinta peress li hu ma qatt ma ra xejn hazin mill-imputat. Jghid li madwar hmistax qabel martu kienet infurmatu li meta kienu fuq id-dghajsa l-imputat kien mess lil bintu. Ghamel riferenza ghal dakinhar meta kien qed isajjar fil-*barbeque* u martu

qaltlu li l-imputat kien mess lill-bintu waqt l-imsemmi *barbeque*. Jghid li huwa kien qed isajjar ghan-nies u li ma kienx fejn l-eks martu u bintu.

In kontro-ezami, li sar fis-seduta tat-18 ta' Mejju 2016 (*a fol.* 484 *et seq.*), ikkonferma li martu u huwa kienu ser jaghlqu hames (5) snin separati. Ikkonferma li meta sehh l-allegat incident tad-dghajsa, martu u huwa kienu ghadhom jghixu flimkien pero jghid li r-relazzjoni ta' bejniethom ma' kinitx daqstant tajba. Ikkonferma li kien talab lill-imputat sabiex jintervjeni fir-rigward tad-diffikultajiet li kellu ma' martu. Ikkonferma li kien talab lill-imputat sabiex ikellem lil martu biex forsi tieqaf ikollha wicc hadd'iehor. Jghid li dan gara qabel sehh l-allegat incident tad-dghajsa. Ikkonferma wkoll li dakinhar tal-allegat incident tad-dghajsa, kien hemm numru ta' dghajjes ohra marbuta mad-dghajsa tieghu u li fejn kien hemm bintu li tinsab fuq in-naha ta' gewwa, l-arja tigi minn *hatch*, qisha *skylight*. Jghid li meta ttawwal ra lil bintu u lill-imputat li kienu qeghdin jisimghu xi diska u mentri bintu kellha l-*headphone,* l-imputat kellu l-*headphone* l-ohra. Mistoqsi ghala huwa ma emminx meta nghad lilu li l-imputat kien mess lil bintu, wiegeb: *"Jien qatt ma rajt ghajn hazina quddiemi. Jien ma nistax nghid xejn. Jekk ma tarax ma tistax tiggudika"* (*a fol.* 489). Meta mistoqsi fir-rigward tal-allegat incident tal-*barbeque*, jghid li dakinhar kien kellem lill-imputat fil-prezenza ta' martu u kien qallu li kien hemm l-inkwiet bejniethom u martu qaltlu kliem fis-sens li kien qed jiffissa.

In ri-ezami jghid li dakinhar tal-allegat incident tad-dghajsa r-relazzjoni tieghu ma' bintu ma kinitx tajba hafna u li llum il-gurnata din ir-relazzjoni hzienet. Jghid li huwa qatt ma mar ma' bintu ghand il-Pulizija u anqas hadha ghand xi professjonista.

Illi fit-28 ta' Jannar 2015 **Dun Manwel Curmi** xehed quddiem l-Assistant Gudizzjarju Dr. Aaron Attard Hili (*a fol.* 315 *et seq.*) fejn qal li OMISSIS kien infurmah li kellu xi problemi ma' martu u baghat ghal mart OMISSIS biex jipprova jsalva z-zwieg. Jghid li baghat ukoll ghal OMISSIS. Mistoqsi jghid jekk qattx OMISSIS u ommha semmewlu xi affarijiet rigward abbuz, wiegeb: *"Qatt ma*

*nafx li semmewli xi affarijiet jigifieri abbuz"* (*a fol.* 317). Jghid li ma jafx li ssemma isem l-imputat waqt li beda jitkellem maghhom.

In kontro-ezami jghid li ghandu amment car li OMISSIS u ommha ma marrux flimkien ghandu. Jghid ukoll li ghandu amment car li l-imputat ma ssemmiex fid-diskursati ma' OMISSIS u ommha.

Illi, fis-seduta tas-17 ta' Marzu 2015, xehed **Dr. Joseph Grech** (*a fol.* 334 *et seq.*) in rapprezentanza tas-socjeta' Vodafone fejn ezebixxa erba' dokumenti li gew immarkat bhala Dok. "JG 1" sa "JG 4" (*a fol.* 336 *et seq.*).

**Dr. Joseph Grech** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tas-26 ta' Awwissu 2015 (*a fol.* 430 *et seq.*) fejn spjega li mentri n-numru OMISSIS huwa registrat fuq OMISSIS (I.D. Nru. OMISSIS), in-numru cellulari OMISSIS huwa registrat fuq Jesmond Gauci (I.D. Nru. 1473(G)). Ezebixxa erba' dokumenti, fosthom il-*call* u l-*sms profile* tan-numru cellulari OMISSIS, liema dokumenti gew immarkati bhala Dok. "JG 5" sa "JG 8" (*a fol.* 432 *et seq.*).

**Dr. Joseph Grech** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tas-7 ta' Ottubru 2015 (*a fol.* 461 *et seq.*) fejn spjega li n-numri cellulari OMISSIS u OMISSIS mhumiex numri tal-Vodafone. Wara li ra Dok. "JG 1" (*a* 151 *et seq.*) jghid li s-socjeta' Vodafone ma ghandha l-ebda informazzjoni dwar il-kumpanija SIM-Surf.

Illi, fis-seduta tal-24 ta' Gunju 2015, xehdet **Dr. Nadette Spiteri** (*a fol.* 384 *et seq.*) fejn spjegat li hija *consultant paediatrician* u meta giet murija rapport li jinsab *a fol.* 81 u 82, tghid li dan huwa rapport ta' *case conference* u tispjega li *case conference* ifisser li t-*team* multidixxiplinarju tas-CDAU jiltaqa' u jiddiskuti kaz partikolari. Spjegat li xogholha kien li tendorsja r-rapporti ta' kulhadd u li OMISSIS kienet pazjenta taghha u li f'dan il-kaz ma kinitx prezenti ghall-*case conference* peress li kellha xoghol iehor però tghid li kien hemm l-assistent taghha. Hija tikkonferma l-parti taghha li hija l-parti medika tar-rapport li giet murija.

Illi, fis-seduta tat-18 ta' Novembru 2015, xehed **Emanuel Cini** (*a fol.* 471) in rapprezentanza tas-socjeta' Go plc fejn spjega li n-numru cellulari OMISSIS qatt ma kien registrat mas-socjeta' rapprezentata minnu. Jghid li ma nstab xejn dwar il-kumpanija SIM-Surf li kellha xi konnessjoni mas-socjeta' rapprezentata minnu.

Illi, fis-seduta tat-18 ta' Novembru 2015, xehed ukoll **Sammy Camilleri** (*a fol.* 473) in rapprezentata ta' Melita plc u spjega li n-numru cellulari OMISSIS ma kienx registrat mas-socjeta' rapprezentata minnu. Jghid ukoll li l-kumpanija SIM-Surf ma ghandha l-ebda servizz abbonat mas-socjeta' rapprezentata minnu.

Illi, fis-seduti tal-11 ta' Jannar 2017 u tat-22 ta' Frar 2017 xehed l-imputat **Jesmond Gauci** (*a fol.* 526 *et seq.* u *a fol.* 546 *et seq.*) fejn beda billi qal li ghandu zewg hutu u li huwa l-kbir u li sar qassis fl-20 ta' Gunju 2001 u li fl-ewwel tlett (3) snin kien l-Italja (fejn aktar tard jghid li hemm kultura ta' tghanniq u bews) u spjega x'ghamel u xi studja, ghamel sena Ghawdex u sena gewwa l-Iskozja u wara, ghas-sena 2008 kull nhar ta' Tlieta u Hadd beda jqaddes il-quddies gewwa l-kappella ta' Santa Marta ghal madwar sitt snin f'liema zmien studja l-Masters fit-Teologija u kompla kors ta' psikoterapjija f'Malta u beda jaghmel kors ta' PGCE. Jispjega li bhala seminarista kien hadem hafna maz-zghazagh u spjega li kien waqqaf diversi korijiet. Jixhed li bhala sacerdot kellu vizjoni li ma jibqghax fis-sagristija, pero johrog fil-pjazza u hemm jaghmel il-ministeru tieghu. Jghid li f'Gunju 2011 l-Isqof kien infurmah li kien hemm xi hadd kien qed jakkuzah li hu baghat xi sms's u gie nfurmat li kellhom jinbdew proceduri mir-*Response Team* tal-Knisja liema proceduri spiccaw madwar sentejn wara. Spjega li r-rapport kien dwar messaggi mibghuta lil OMISSIS, li gibdilha x-xaghar u li bisha waqt il-qrar. Mistoqsi dwar il-konkluzjoni ta' dawn il-proceduri, jghid li ma kien hemm l-ebda provi u qal li l-Isqof ta' Ghawdex rega' tah il-ministeru kollu kemm hu peress li kien gie mnehhi lilu s-sagrament fil-pubbliku. Spjega x'ghamel inkluz l-attivita' tieghu maz-zghazagh. Jghid li fil-kappella ta' Santa Marta kienu zdiedu n-nies li kien jattendu ghal quddies u li biddel il-mod kif iwassal il-messagg religjuz fosthom bl-uzu ta' *screen* u bil-*power point*. Jixhed li f'Awwissu 2014 kienet baghtet ghalih l-iSpettur Sylvana Briffa

fejn qal: *"Il-kaz tar-Response Team hrigtu jien waqt l-istqarrijiet li ghamilt"* (*a fol.* 532). Ikkonferma li kien gie mitkellem fuq il-kaz ta' OMISSIS. Spjega li sar jaf il-familja taghha mill-kappella ta' Santa Marta b'mod partikolari ghax il-missier OMISSIS kien jghinu fl-istruttura tal-kappella. Jixhed li OMISSIS kien infurmah li kellu l-problemi ma' martu u prova jirrangahom. Jghid li darba minnhom mar fuq id-dghajsa ta' OMISSIS li kienet Kemmuna liema dghajsa kienet marbuta ma' numru ta' dghajjes ohra, kielu u f'hin minnhom staqsa lil mart Alfred kif kienet mar-ragel u li hi wegbitu li ma kinux sew. Spjega li OMISSIS ma baqghitx hemm u ma jafx fejn marret u li ommha qaltlu li bintha kienet qed tbaghti, li ma kinitx sew, li ma kinitx tohrog, li ma kellhiex hbieb u kienet dejjem maghhom. Ftehmu li hu jmur hdejn OMISSIS li kienet isfel u talab lil ommha biex tinzel isfel u taparsi taghmillu l-kafé. Jghid li fil-kamra fejn kien hemm OMISSIS kien hemm *skylight* miftuh, it-twieqi miftuhin u kif ukoll mera mdaqqsa mhux hazin li dak li jkun seta' jara minn barra x'inhu jigri u l-bieb kien miftuh. Jghid li OMISSIS kienet qed tisma l-muzika bil-*headphones* f'widnejha u hi taghtu *headphone* u hi baqghet b'ohra u bdew jisimghu d-diska. Jghid li hu baqa' bil-wieqfa. Mistoqsi jghid jekk iddiskutewx xi haga jew jiftakarx li ghamel xi haga, wiegeb: *"Imbaghad jien ghidtilha "Kif inti inti?" U hi qaltli "All right taf, all right". Qaltli "il-bahar idejjaqni". Ghidtilha "Idejqek?" U hi qaltli "Ehe jdejjaqni, nippreferi nigi u noqghod nisma' d-diski hawnhekk". Imbaghad smajt id-diska, jekk niftakar sew, jekk qed niftakar sew nerga' nirrepeti, u wara ftit ghajtitli l-mamà taghha u hrigt. Daqshekk li niftakar minn dan il-pass"* (*a fol.* 538). Dwar l-allegazzjoni li hu mess sider OMISSIS, wiegeb: *"Din hi l-allegazzjonijiet. Ma neskludiex Sur Magistrat li seta' kien hemm xi tip ta' kuntatt"* (*a fol.* 538). Mistoqsi mill-konsulent legali tieghu f'liema sens, l-imputat wiegeb: *"For me it was a non-verbal communication. Imma jekk qed naghmel dan, bla ebda skop ta' sess"* (*a fol.* 538). Jghid seta' taptilha fuq spallejha peress li kien jaf minn xiex ghaddejjin il-genituri taghha.

*"<u>Avukat Dottor Joe Giglio</u>:*
*Imma hi qed tgħid li missejtilha sidirha.*
*<u>Xhud</u>:*
*Jien qed ngħid illi jien taptaptilha. Jien hekk qed ngħid.*

*Il-Qorti:*
*Int qed tgħid tapttaptilha. Jekk taptaptilha, taptaptilha fuq spallejha qed tgħid int*
*Xhud:*
*Taptaptilha fuq spallejha. Taptaptilha fuq spallejha.*
*Il-Qorti:*
*Issa rigward sidirha, li hija l-allegazzjoni, x'għandek xi tgħid?*
*Xhud:*
*Ma għandi l-ebda konoxxenza ta' dan il-fatt Sur Maġistrat. U jekk sar dan, sar bla ebda skop ta' sess. Jekk sar dan biex nuri sens, jekk sar dan forsi lqattha, imma jien ma kelli l-ebda skop ta' sess Sur Maġistrat. Jekk sar dan sar, sar b'sens ta' –*
*Il-Qorti:*
*Għandek amment jekk ilqatthiex jew le?*
*Xhud:*
*Ma niftakarx. Ma għandi l-ebda konoxxenza tal-fatt. Ma niftakarx le.*
*Il-Qorti:*
*Jiena jekk bi żball nolqot sider id-Deputat Reġistratur tiegħi ħa niftakar żgur. Allura qed nistaqsik, forsi tmur lura fil-memorja u tkunx konxju tal-fatt, mhux qed ngħidlek jekk qbadtx jew missejtx, jekk ilqattx? Ma tantx hi ħaġa regolari li tolqot sider ta' mara li tkun viċina tiegħek. Qed insaqsik mhux jekk qbadtx, jekk ilqattx, li hija ħaġa daqsxejn differenti.*
*Xhud:*
*Ma niftakarx dan il-fatt Sur Maġistrat. U jekk sar dan, sar bħalma qed ngħidlek –*
*Il-Qorti:*
*Ma tiftakarx għax kien hemm diversi drabi oħrajn fejn ilqatt sider ta' xi ħadd? Jew għax ġenwinament ma tiftakarx?*
*Xhud:*
*Għax ġenwinament jien Sur Maġistrat, għax jien il-karattru tiegħi meta nara t-tbatija jien x'nagħmel? Jien malli nara t-tbatija, malli nara s-sofferenza –*
*Il-Qorti:*
*Jien li qed insaqsik mhux kwistjoni ta' tbatija jew jekk hux qed tara, hija kwistjoni jekk tafx kontx konxju li lqatt xi sider ta' xi ħadd, dak li qed insaqsik jien.*
*Xhud:*

*Le, ma hiniex konxju. Ma kontx konxju"* (*a fol.* 538-539)

Spjega li fejn jara t-tbaghtija u fejn jara li persuna ghaddejja minn mumenti difficli, hija awtomatika ghalih li jtaptap fuq spallejn il-persuna bhala sinjal ta' kuragg u b'sens ta' solidarjeta'. Mistoqsi jghid jekk juzax gesti ohra biex jesprimi n-*non-verbal communications* wiegeb li jghannaq u jiddeskrivi lilu nnifsu bhala *affectionate* u li jhobb juri l-emozzjonijiet tieghu ma' dak li jkun. Mistoqsi jghid jekk ghandux amment li ghannaq lil OMISSIS, wiegeb: *"Jekk ghamiltha ma ghandix konnoxxenza tal-fatt Sur Magistrat"* (*a fol.* 540). Mistoqsi dwar il-*barbeque* (*a fol.* 553) fejn kien hemm OMISSIS jispjega li dan il-*barbeque* kien gie organizzat minnu u li ghalih kien hemm madwar mitejn ruh fejn fuq kull mejda kien hemm madwar tnax-il persuna. Jghid li ma ghandux amment jekk OMISSIS u ommha kinux prezenti. Jichad li ghandu l-vizzju tax-xorb.

Mistoqsi dwar OMISSIS jghid li bejniethom kien hemm relazzjoni ta' hbiberija u li kienu grupp ta' hbieb fejn kienu jaghmlu *barbeques* fejn hu kellu kitarra u kienu joqghodu jdoqqu. Mistoqsi dwar il-messaggi mibghuta lil OMISSIS bhal *"hunchy bunchy"*, jghid li dak kien diskors ta' hbieb u staqsa ghala ma ghandhomx jintuzaw. Spjega kif waqt il-proceduri odjerni, OMISSIS ratu u marret tghannqu u marret tbusu u hu qalilha li kien ikun ahjar ma jitkellmux minhabba l-proceduri pendenti. Jghid li OMISSIS ma rrapportat xejn lill-Pulizija. Spjega li huwa jaf il-*boundaries* tieghu mat-tfal tal-iskola pero jaghmel differenza meta jkun ma' hbieb. Spjega li meta kien jiltaqa' ma OMISSIS u hbieb ohra, ma kinux jiltaqghu biss ghal kwistjonijiet rikreattivi biss pero kien hemm ukoll mumenti ta' talb. Spjega li darba minnhom mar Marsalforn fejn kien hemm OMISSIS u hbieb ohra fejn hu u OMISSIS xtraw xi ikel. Jghid: *"U aħna wasalt hemmhekk quddiem sħabha u dawwart idejja magħha u għidtilha "Isma' dan tiegħi taf, u skużi aħna se niekluh, ħallihom dawk. Cosy cosy dawk." U kollha qabdu jidħku. U qaltli "Ħallini" hi. Daqshekk. Dak kien il-fatt kollu"* (*a fol.* 548). Jghid: *"U niccajtaw, jigifieri hi qatt ma hadet, OMISSIS stess qatt ma haditha personalment li jien qed immiss sidirha jew haga jew ohra"* (*a fol.* 548). Jikkunsidra l-messaggi *"sweetie pie"* u *"honey bunch"* bhala lingwagg bejn il-hbieb.

Fir-rigward ta' OMISSIS, jghid li sar jaf il-familja ta' OMISSIS mill-kappella ta' Santa Marta. Spjega li s-sagristija hija ftit akbar mill-kappella u ghall-quddies kemm is-sagristija kif ukoll il-kappella kienu jimtlew bin-nies. Spjega kif inhi mqassma l-kappella u s-sagistrija fejn spjega li kien hemm ukoll zewg kmamar zghar fejn kamra minnhom kienet tinzuta ghal qrar fejn il-bieb kien kwazi dejjem miftuh u kien f'mumenti rari hafna li kien jinghalaq u jghid: *"ghax bilfors irrid imexxi l-bank biex jien naghlaq il-bieb"* (*a fol.* 533). Waqt id-depozizzjoni tieghu, jaghmel riferenza ghad-dizabilita' fizika ta' OMISSIS fejn jghid li biex tasal minn post ghall-iehor OMISSIS ghandha bzonn izzomm mal-hajt jew trid l-ghajnuna. Jghid li OMISSIS kienet tmur ma' ommha u nannietha fil-kappella ta' Santa Marta fejn OMISSIS kienet tqerr fil-kamra li semma aktar kmieni. Jghid: *Ovvjament kont nagħmlu f'dik il-kamra li spjegajt id-darba l-oħra. Ovvjament ukoll il-qrar mhux biss kont nagħmlu f'dik il-kamra, hija kienet tiġi ovvjament isserraħ mal-bank jew mal-ħajt, għax hi ma tistax fiżikament tasal waħedha. U daqqa ngħinha jien, u daqqa jgħinha xi ħadd, daqqa tgħinha l-mamà tagħha stess, l-aktar tgħinha l-mamà tagħha stess. U ovvjament jien npoġġi wiċċi qrib wiċċha. Jien ovvja ridt nismagħha. Irrid nisma' x'inhi tgħid u rrid nipprova nifhem x'inhi tgħid għax hu mument għażiż u prezzjuż ħafna għalija. Imbagħad meta bdejt naqra, jiġifieri bdejt nisma' dawn ix-xhieda, u bdejt nisma' x-xhieda ta' din it-tfalja, u ngħid "imma jien xi stajt għamilt?! Jien x'għamilt?! Imma jien!" Allura mbagħad nibda nagħmel ħafna mistoqsijiet lili nniffsi. Allura kull min ġie jqerr għandi u poġġejt wiċċi qrib ma' tiegħu jien qed inbusu?! Jien qed nabbuża minnu?! Qisu huma ħafna mistoqsijiet anke għalija personalment li ġagħluni naħseb, li ġagħluni nirrabja fija nniffsi. U eħe dawn huma affarijiet li qatt ma ġraw, qatt ma ġraw. Anke jekk tqis iċ-ċirkostanzi tagħhom stess Dr. Giglio, tqis iċ-ċirkostanza tagħha stess, tqis is-sitwazzjoni kollha, il-kuntest kollu"* (*a fol.* 551).

Jispjega li l-bieb ma' kienx ikun maghluq. Mistoqsi jiftakarx li OMISSIS talbitux jew tahiex in-numru tal-*mobile*, wiegeb: *"Qatt ma gara Dr. Giglio. Qatt ma gara. Ghax ghalfejn ha naghtiha l-mobile number?"* (*a fol.* 556). Spjega li n-numru tieghu kien miktub fuq in-*noticeboard* u kif ukoll fuq is-santi ta' Santa Marta. Mistoqsi jghid jekk il-messaggi li jidhru f'Dok. "MG 1" (*a fol.* 200 *et seq.*) humiex tieghu, wiegeb fin-negattiv.

In kontro-ezami jghid li huwa ra d-dokument tar-*Response Team* fejn jinghad li m'hemmx provi u li meta staqsa biex dan jigi mghoddi lilu gie nfurmat li affarijiet tal-knisja jibqghu gol-knisja. Gie mistoqsi domandi fuq il-Mixja Neo Katekumenali. Mistoqsi dwar jekk kienx ihoss il-htiega li jinghalaq il-bieb waqt il-qrar fil-kappella ta' Santa Marta, wiegeb: *"Jien, Sur Maġistrat, jien li għandi esperjenza l-iskola, u għandi esperjenza ġol-klassi, jien naf illi l-qrar vera ħa jaraw in-nies, u vera li n-nies, imma jien l-esperjenza li għandi dejjem urietni u dejjem aġixxejt b'tali mod illi l-bieb dejjem ikun miftuħ. Anke jekk inkun f'konfessjonarju Spettur, jien il-konfessjonarju miftuħ, għax hekk jien qiegħed jarani kulħadd x'inhu jiġri u mhux qed jiġri. Le, allura ma kontx inħoss li għandi nagħlqu. Min jixtieq jiġi jqerr jiġi, imma mill-bqija ma nagħlqux, no"* (*a fol.* 564). Fir-rigward tad-dghajsa fejn kien hemm OMISSIS, jghid li min kien fil-*living room* seta' jara x'qed jigri gewwa. Jghid ukoll: *"U anke min qieghed madwar id-dghajsa, l-iskylight, it-twieqi tad-dghajsa kienu kollha miftuhin"* (*a fol.* 565). Jghid li minn hemm seta' jara lil missier OMISSIS fuq idur fuq id-dghajsa. Ghad-domanda jekk seta' jara nies minn got-tieqa, minn go l-i*skylight* jew minn gol-mera, wiegeb: *"Iva. Stajt nara nies"* (*a fol.* 566). Jghid li ra lil missier OMISSIS jittawwal u jahseb li kien gharkupptejh u jghid li rah mill-i*skylight*. Meta gie mistoqsi jghid jekk messx sider OMISSIS, anke bi zball, wiegeb: *"Qatt ma gara, Le"* (*a fol.* 570). Mistoqsi jghid jekk bhala membru tal-Kleru messaggi bhala *"sweetie pie"*, *"honey bunch"* idejquhx, wiegeb li llum il-gurnata jdejquh specjalment ladarba gie nterpretat hazin mill-iSpettur Briffa. Deskritt mill-iSpettur Busuttil bhala *"bniedem forsi daqxejn aktar liberali?"* (*a fol.* 574), jghid: *"Liberali m'inhiex. Liberali m'inhiex. Imma li ippruvajt u nipprova illi minn ġos-sagristija, naħseb li din fhemtha tajjeb id-darba l-oħra, li minn ġos-sagristija nipprova niltaqa' man-nies u nipprova nwassal il-messaġġ tal-Vanġelu lin-nies u liż-żgħażagħ u l-iskola u l-iscouts u lill-korijiet li ffurmajt u kull fejn inkun, eħe, dik nagħmilha. Imma għax jien liberali, għax forsi qed tgħidli hekk għax kont l-Amerka, Spettur?"* (*a fol.* 574).

Illi, fis-seduta tal-5 ta' April 2017, xehed **Anthony Grech** (*a fol.* 579 *et seq.*) fejn spjega li huwa ghalliem fl-Iskola Sekondarja tal-Bniet "Lily of the Valley" fil-Mosta u qal li ltaqa' mal-imputat fl-imsemmija

skola fis-sena 2008. Jghid li hu dilettant tal-fotografija u li fis-sena 2011 kien avvicinat mill-imputat li staqsieh jekk ridtx jiehu xi ritratti tal-kappella ta' Santa Marta. Spjega li kien jghin fil-manutenzjoni tal-kappella u anke qabel, waqt u wara l-quddies. Spjega x'tip ta' inizjattivi kienu jittiehdu sabiex il-kappella titqajjem fuq ruhha tant li jghid li matul is-sena 2011 l-attendenza fil-kappella zdiedet b'mod konsiderevoli. Jghid li kienu jsiru wkoll *barbeques*. Jixhed li l-attivita' tal-imputat kienet wahda attiva hafna fil-konfront tal-persuni li kienu jghinu fil-kappella. Jghid li ghal *barbeque* li jissemma f'dawn il-proceduri kienu attendew aktar minn mija u hamsin person. Jghid ukoll li kien hemm madwar ghaxar persuni fuq kull mejda. Ikkonferma li mart OMISSIS u bintu kienu prezenti ghal dan il-*barbeque*. Spjega kif inhi mqassma l-kappella ta' Santa Marta u mistoqsi dwar il-bieb tas-sagistrija li kien jithalla miftuh, jghid li dan ma kienx ikun maghluq. Jghid li l-qrar kien isir qabel il-quddies u li l-imputat kien ikun fil-kamra z-zghira u li ma tantx kien hemm spazju. Jghid: *"Spazju ma tantx kien hemm, jigifieri l-qrar li kien isir huwa Fr. Jesmond f'din il-kamra, il-persuna li tixtieq tqerr kienet tigi kwazi kwazi fuq l-ghatba tal-bieb, halli nsejhulha hekk, daharha lejn il-komunità biex ikun hemm ovvjament xorta wahda l-element ta' segretezza, u jqerru b'dan il-mod"* (*a fol.* 586). Jghid: *"Mela inti minn naha ta' fejn ipoggu n-nies biex niftehmu inti kull ma qed tara huwa biss dahar il-persuna li qed tqerr, il-qassis li qieghed fuq gewwa tal-kamra u l-persuna li qed tqerr hija fuq l-ghatba tal-bieb, ha nsejhulha hekk"* (*a fol.* 586).

Illi, fis-seduta tal-5 ta' April 2017, xehdet ukoll **Lorraine Borg** (*a fol.* 589 *et seq.*) fejn spjegat li tahdem bhala *social worker* fl-iSptar Generali ta' Ghawdex u qalet li hija *part-time lecturer* l-MCAST. Tixhed li tokkopa wkoll rwol ta' *Scout Leader* gewwa x-Xaghra Scout Group li gie mahluq mill-imputat. Tghid li l-imputat stinka hafna biex sab diversi zghazagh li setghu jahdmu flimkien bhala *leaders*. Tiddeskrivi lill-imputat bhala persuna li jaf hafna jmur man-nies u li qatt ma rat ghajn hazina minnu. Tghid li huwa *outgoing* u li ghandu mentalità miftuha u tahseb li din kienet ir-raguni ghala l-imputat gibed numru ta' zghazagh biex ikunu jistghu jahdmu fl-i*scout group*. Tghid li l-imputat holoq ukoll diversi korijiet. Mill-memorja tghid li ma tiftakar qatt li kien hemm kliem bhal *"dear"* jew hafna *"xxx"* fil-

messaggi mibghuta bejniethom. Tghid ukoll: *"Le, ma nahsibx. Ma niftakarx, ha nghidu hekk"* (*a fol.* 592).

Illi, fis-seduta tal-5 ta' April 2017, xehed ukoll **Louis Bajada** (*a fol.* 593 *et seq.*) fejn spjega li huwa manager ma' bank kummercjali u jghid li ilu jaf lill-imputat ghal diversi snin fil-hidma tal-parrocca tax-Xaghra. Jghid li fl-imputat dejjem ra certu inizjattiva. Jghid: *"Dak it-tip li ma jibzax jitkellem, u inizjattivi li forsi haddiehor konna narawhom daqxejn ghajn differenti […] ma kienx joqghod jiddejjaq li forsi jista' jidher b'mod negattiv ma' haddiehor"* (*a fol.* 594). Waqt id-depozizzjoni tieghu jaghti ezempju u jelabora fuqu. Spjega wkoll li l-imputat kien waqqaf l-i*scout group*. Jghid: *"Jigifieri dan kien bniedem illi dak li forsi haddiehor jarah bieb maghluq, ghalih ma huwiex bieb maghluq le. Dan imur oltré. Jekk tghidlu no, no is not answer. No ghalih le. Jekk hemm alternattiva rridu nmorru ghaliha, u rridu nkunu man-nies"* (*a fol.* 596). Mistoqsi jghid jekk kienx hemm xi inizjattiva partikolari li meta ttiehdet f'dak il-mument setghet dehret progressiva, wiegeb il-kor imsejjah bhala iScola Cantorum u jiddeskrivi lill-imputat bhala l-persuna li waqqafha. Jixhed: *"Fr. Jesmond ghal min ma jafux jidher kontroversjali. Jien lil Fr. Jesmond nghid li hu bniedem bubbly, ixejjer idejh, fattizzi tghidilhom Mediterranji"* (*a fol.* 597). Jghid li hu jintegra ruhu hafna, li jghannaq u anke jaghti bewsa fuq il-haddejn.

Illi, fis-seduta tal-5 ta' April 2017, xehdet ukoll **Grace sive Graziella Erkayazi** (*a fol.* 599 *et seq.*) fejn spjegat li hija ghalliema tal-ispanjol. Tghid li l-imputat huwa eks-kollega taghha u tafu fl-ambjent tal-Liceo fil-Hamrun mis-sena 2012 sas-sena 2014. Tiddeskrivi l-proposta li gietu f'mohhu l-imputat sabiex fl-iskola jkun hemm *defibrillator* peress li kien hemm student l-iskola li hassu hazin u li eventwalment miet. Spjegat li saret maratona li kienet success tant li nxtraw *defribillators* ghall-iskejjel. Tghid li l-imputat m'huwiex qassis tradizzjonali. Tixhed: *"Fr. Jesmond ir-role tieghu kien, apparti li jghallem, imma kien iservi huwa ta' link, li xi hadd li ghandu problemi d-dar, li jigi jghid student li raqad go garaxx, qed jiftah qalbu ma' Fr. Jesmond, kien the link bejn ir-religjon u l-attwalita', ir-realtà li qed jghixu fiha l-istudenti"* (*a fol.* 602). Tghid li l-imputat kien juza lingwagg tal-istudenti u jinzel fil-livell taghhom. Tispjega li l-imputat kellu l-

*boundaries* tieghu u li dejjem kellu *open door policy* fil-klassi u tixhed: *"hu kien qrib tal-istudenti but up to a certain limit"* (*a fol.* 603). Ix-xhud indikat ukoll li bhala sinjal ta' kuragg lil xi hadd, l-imputat kien itaptap fuq l-ispalla ta' dan il-persuna.

In kontro-ezami tghid li fil-Liceo kien hemm subien biss.

**Ikkunsidrat**

Illi fl-ewwel stqarrija (Dok. "C" – *a fol.* 11 *et seq.*) rilaxxata mill-imputat, liema stqarrija giet rilaxxata fit-12 ta' Awwissu 2014 wara li l-imputat nghata dritt jikkonsulta ruhu ma' avukat u huwa ha dan id-dritt, meta gie mistoqsi dwar ir-relazzjoni tieghu ma' OMISSIS, jghid li lit-tifla ftit li xejn kien ikellimha jew hi tkellmu. Jghid: *"Ir-relazzjoni ta' bejnietna kienet ta' ftit kliem, "hello", u daqshekk"* (*a fol.* 12). Jichad li qatt kellu relazzjoni sesswali maghha u meta mistoqsi jghid x'jifhem biha relazzjoni sesswali, wiegeb: *"Kull touch hija sesswali. Kull touch fizika jew vokali"* (*a fol.* 12(a)). Mistoqsi x'mar jaghmel fil-kamra tas-sodda ta' OMISSIS waqt li kienet wahidha, wiegeb: *"Jekk niftakar sew il-kamra tas-sodda ta' OMISSIS hija kuritur li tghaddi minn naha ghal ohra. Jien kont ghaddej, OMISSIS kienet qed tisma d-diski u sellimtilha u bqajt ghaddej"* (*a fol.* 12(a)). Wara li gie mistoqsi jghid jekk qaghadx jisma xi diski hdejha, wiegeb: *"Iva smajt id-diski maghha imma jien sa fejn ghandi konoxxenza u sa fejn naf jien qatt ma missejtha"* (*a fol.* 13). Fir-rigward tal-*barbeque*, filwaqt li jghid li missier OMISSIS kien ghenu hafna, jghid li ma jiftakarx jekk kienx hemm OMISSIS u ommha ghal *barbeque*. Mistoqsi jghid jekk OMISSIS ghandhiex tigdeb fuqu, wiegeb: *"Forsi ghax habib ma' missierha"* (*a fol.* 14). Mistoqsi xi jghid dwar il-fatt li fuq il-*mobile* tieghu ghandu diversi messaggi mibghuta minn diversi nisa fejn qed jifitiehem maghhom sabiex jiltaqghu u jaghmlu affarijiet sesswali, wiegeb: *"Fuq il-mobile tieghi ghandi diversi messaggi b'ton iva sesswali imma huwa ton ta' bejn certa hbieb fi hbiberija kulturali"* (*a fol.* 15). Fir-rigward ta' OMISSIS, jghid li kull darba li ltaqa' maghha dejjem kienu grupp ta' hbieb u jghid li bejniethom qatt ma kien hemm xejn. Fir-rigward tal-messaggi mibghuta minnu ""*…niltaqghu parking Masalforn?...ajma x'naghmillek il lejla xxx…mela jien irridek, nistghu niltaqghu x'imkien??? Ajmaaa xxx…narak naqa' jew??? Irridek xxx*"" lil

certu Antoinette, li jghid li hija l-*partner* taz-ziju, jghid minkejja li hemm ton vulgari ma kien hemm l-ebda ezitu ta' dan id-diskors. Jghid: *"Jien onest li dawn il-messaggi bghatthom jien lil persuna adulta imma qatt ma kelli relazzjoni maghhom. Qatt ma ltqajt ma' Antoinette wahidha"* (*a fol.* 15). Mistoqsi jghid jekk mid-diversi messaggi ta' nisa li ghandu fuq il-*mobile* fejn hu qed ikellimhom vulgari jekk hemmx xi hadd minnhom li huwa minorenni, wiegeb: *"Zgur li le"* (*a fol.* 15).

Illi fit-<u>tieni stqarrija</u> (Dok. "D" – *a fol.* 16 *et seq.*) rilaxxata mill-imputat, liema stqarrija giet rilaxxata fid-19 ta' Awwissu 2014 wara li l-imputat nghata dritt jikkonsulta ruhu ma' avukat u ha dan id-dritt, l-imputat ma wiegeb ghall-ebda domanda li saritlu. Id-domandi kienu jikkoncernaw, fost l-ohrajn, lil OMISSIS u OMISSIS.

**Ikkunsidrat**

Illi qabel il-Qorti tghaddi biex taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha rigward l-imputazzjonijiet *per se* addebitati fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tghaddi biex taghmel numru ta' konsiderazzjonijiet generali.

Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati lill-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):

> *"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex l-imputat jigi ddikjarat hati, l-imputazzjoni dedotta ghandha tigi pruvata *oltre* kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** u tghid pero' mhux kull icken dubju

huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi ddikjarat liberat, hemm bzonn li *"dubju jkun dak <u>dettat</u> mir-raguni"*.

Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat <u>mir-raguni</u> u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-Gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi <u>kollha</u>, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz **Miller vs. Minister of Pension** - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni *"proof beyond a reasonable doubt"*.

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice"*.

Illi fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Graham Charles Ducker**, deciza fid-19 ta' Mejju 1997, il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet is-segwenti:

> *"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one"*.

Illi din il-Qorti taghmel ukoll riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Martin Mark Ciappara** fejn spjegat x'jigri

meta Gudikant ikun rinfaccjat b'zewg verzjonijiet konfliggenti u cioé jistghu jigru zewg affarijiet u cioé jew il-Gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ppruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timpronta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghall-piena jew ghal xi provvediment iehor.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef** moghtija fit-2 ta' Frar 2012, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qeghdin jaghtu verzjoni differenti minn ohrajn illi xehdu qabel. B'daqshekk ma jfissirx illi ghax hemm xhieda differenti bil-fors hemm konflitt li ghandha twassal ghal liberatorja. Fil-kawza **Pulizija vs. Joseph Thorn** deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-9 ta' Lulju 2003, il-Qorti qalet *'... mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti f'kaz ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa il-provi skond il-kriterji annuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kap. 9 u tasal ghal konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex trid temmen jew ma temminx'* (ara wkoll **Repubblika ta' Malta vs. Dennis Pandolfino** 19 t' Ottubru 2006)."
>
> (Ara wkoll **Il-Pulizija vs. Patrick Mangion et** (deciza fis-17 ta' Settembru 2012), **Il-Pulizija vs. Michele sive Michael Fenech** (deciza fis-17 ta' Settembru 2012), **Il-Pulizija vs. Mohammed Mansur Ali** (deciza fl-24 ta' Jannar 2013), **Il-Pulizija vs. Mario Pace** (deciza fis-6 ta' Frar 2013) u **Il-Pulizija vs. Hubert Gatt** (deciza fil-11 ta' Lulju 2013).

Illi l-Qorti tinnota li fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. John Pace** deciza fil-31 ta' Ottubru 2013, il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet is-segwenti:

> "Ma hemm xejn hazin illi l-Qorti tistrih fuq xhud wiehed biss kif *del resto* hija ntitolata li taghmel permezz tal-

> Artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9. Dan l-Artikolu jghid illi xhud wiehed jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Naturalment din ix-xhud tkun trid tigi evalwata fil-kuntest tal-linji gwida moghtija mill-Artikolu 637 tal-Kapitolu 9".

Illi fil-kaz odjern il-Qorti semghet, fost l-ohrajn, id-depozizzjoni tas-segwenti allegati vittmi:

- OMISSIS taghmel riferenza ghal zewg istanzi. L-ewwel istanza li taghmel riferenza ghaliha hija dik meta tghid li kienet fuq id-dghajsa u meta tghid li l-imputat messielha sidiriha minn fuq il-flokk u mbaghad messielha l-parti privata taghha minn fuq il-malja. It-tieni istanza li tiddeskrivi hija dik meta kienet *barbeque* flimkien ma' numru konsiderevoli iehor ta' nies u tghid li l-imputat mar minn wara, ghannaqha u messielha sidiriha.

- OMISSIS tiddeskrivi li kienet tmur ghal-lezzjonijiet tal-privat ghand hu l-imputat u li l-imputat kien jigbdilha xaghrha. Hija tghid ukoll li l-imputat kien jibghatilha diversi messaggi kemm fuq il-*mobile* kif ukoll fuq il-*Facebook* u li darba minnhom waqt li kienet fil-kappella ta' Santa Marta u marret biex tqerr ghand l-imputat, l-imputat gibidha mill-flokk u pprova jbusha.

- OMISSIS tghid li darba minnhom l-imputat ghafasha minn wara minn taht sidiriha u qalilha *"cosy, cosy"* (*a fol.* 157). Hija tiddeskrivi l-messaggi li kien jibghatilha l-imputat fuq il-*mobile* u fuq il-*Facebook* u kif ukoll dawk li kienet tibghatlu hi.

Illi fil-kaz odjern, din il-Qorti, bhal ma jigri f'hafna mill-kazijiet fejn ikun hemm allegazzjonijiet simili ghal dawk tal-kawza odjerna, tinsab rinfaccjata b'verzjonijiet tal-fatti kemmxejn kunfliggenti fejn l-allegata vittma min-naha l-wahda qed tindika dak li ghamlilha u qalilha l-imputat u fejn l-imputat, min-naha l-ohra, qed jichad jew inkella jghid li ma jafx ezattament x'gara.

Illi din il-Qorti hija f'pozizzjoni ferm aktar favorevoli minn Qrati ohra meta tigi biex taghmel apprezzament tax-xhieda u dan ghaliex ghexet il-process kollu tul medda ta' zmien u ghalhekk kienet f'pozizzjoni, wara li semghet x-xhieda kollha jixhdu *viva-voce* quddiemha, tezamina l-imgieba u l-komportament taghhom *stante* li kienet hi stess li kkonstatathom x'interess setgha kellu xi xhud f'dak li xehed u jekk dak li qal kellux mis-sewwa jew le.

Illi minkejja li l-Qorti ghexet il-process kollu odjern, il-Qorti regghet hadet konjizzjoni tal-atti kollha processwali u tad-depozizzjonijiet moghtija mix-xiehda mressqa, inkluz li regghet rat il-filmat tal-*video conferencing* meta xehdu l-allegati vittmi. Minn dan kollu, il-Qorti tinnota li filwaqt li ma ghandha l-ebda dubju dwar il-kredibilita' ta' dak li xehdet OMISSIS u OMISSIS u dwar il-veracita' ta' dak li qalu dwar l-agir tal-imputat, il-Qorti mhijiex kompletament sodisfatta minn dak li tirrakonta OMISSIS meta tallega li l-imputat ipprova jbusha.

Illi l-konkluzjoni t'hawn fuq fir-rigward ta' OMISSIS u OMISSIS hija dovuta wkoll ghall-fatt li ma giet indikata ebda raguni konkreta ghala z-zewg persuni msemmija jew familjari taghhom kellhom jivvintaw dak rakkontat minnhom dwar l-imputat u dana minkejja li, fir-rigward ta' OMISSIS, il-genituri taghha kienu qed jisseparaw u jirrizulta li l-imputat huwa habib ta' missierha. Apparti minnn dan, fir-rigward ta' OMISSIS, il-Qorti setghet tikkonstata li hija kienet dejjem konsistenti fil-verzjoni tal-fatti fir-rigward ta' dak li gara fuq id-dghajsa kemm meta rrakkontat dak li gara lill-ommha, u kif ukoll meta xehdet quddiem il-Qorti, kemm in ezami u kif ukoll in kontro-ezami. Bhala punt ta' kjarifika u bhala parentezi, il-Qorti tinnota li OMISSIS kellha darha mal-*headboard* u l-warrani u saqajha kienu fuq is-sodda u dana a kuntrarju ta' dak li nghad fis-sottomissjonijiet tad-difiza fejn inghad: *"Mela qed nifhem u donnu hekk hu li din hija mimduda fuq is-soddda" (a fol.* 615). Fir-rigward ta' dak li gara fil-*barbeque*, OMISSIS kienet ukoll konsistenti u dana apparti l-fatt li ommha stess xehdet li rat lill-imputat jaqbad sider bintha. Il-verzjoni ta' OMISSIS u OMISSIS dejjem baqghu l-istess: huma kienu metikoluzi fl-ghazla tal-kliem taghhom, precizi u

dejjem konsistenti. Mhux l-istess jista' jinghad ghal OMISSIS meta hija tghid li l-imputat ippruva jbusha fil-mument li marret biex tqerr. Apparti l-fatt li l-Qorti semghet bil-problemi fl-izvilupp tal-imsemmija OMISSIS, tal-IQ taghha, tad-dizabilita' fizika taghha u tal-mod kif hija tirreagixxi, il-Qorti semghet ukoll kif inhi mqassma l-kappella ta' Santa Marta u kif isir il-qrar tan-nies u li anqas hemm konfessjonarju. Il-Qorti tifhem li l-imputat bhala qassis kellu joqghod vicin l-allegata vittma meta hija marret biex tqerr u dana tenut kont tal-ispazju ristrett li hemm u l-Qorti ma tistax tifhem kif OMISSIS ikkonkludiet li l-imputat prova jbusha meta ghad-domanda tal-Qorti jekk l-imputat harigx xufftejh il-barra jew hallihomx kif kienu, OMISSIS wiegbet li halliehom kif kienu! Huwa minnu li l-imputat setgha ressaq halqu ma' halq OMISSIS pero wiehed irid jiehu in konsiderazzjoni tal-ambjent li l-qrara kienet issir fih, bin-nies iharsu (ghal tal-anqas OMISSIS tghid li fil-kappella kien hemm ommha u nannietha), fi spazju ristrett fejn il-qrar, bhal ma jaf kulhadd, hija xi haga privata u dak li jinghad ghandu jinghad b'vuci baxxa biex ma jinstemghax u b'hekk huwa mistenni li, ladarba ma jezistix konfessjonarju u ladarba m'hemmx spazju, persuna tersaq vicin hafna lejn persuna ohra. Il-Qorti tinnota wkoll li OMISSIS ghandha bzonn l-ghajnuna biex timxi jew toqghod bil-wieqfa u dana jidher fi tmiem il-filmat tal-*video conferencing* meta l-imsemmija OMISSIS giet mitluba tidentifika lill-imputat fl-awla.

Illi, fir-rigward tal-imputat, il-Qorti setghet tinnota mill-komportament tieghu fuq il-pedana tax-xhieda, u dana jista' jidher ukoll mit-traskrizzjoni tad-depozizzjonijiet tieghu, li l-imputat huwa car f'dak li jghid, jidhol f'hafna dettall u huwa wkoll persuna intelligenti hafna. Dan qieghed jinghad apparti l-fatt li jirrizulta li l-imputat huwa persuna dhuli, li jhobb juri l-emozzjonijiet tieghu bit-tghannieq u li huwa wkoll *bubbly* liema karratteristici l-Qorti kif preseduta ma ghandha l-ebda kumment deplorevoli x'tghaddi u ma tara assolutament xejn hazin fihom. Il-Qorti tinnota li l-imputat huwa persuna li bhala xhud ma ghandu bzonn ta' l-ebda ghajnuna meta jaghti d-depozizzjoni tieghu peress li ladarba jibda jirrakonta huwa difficli li jieqaf u biex jieqaf trid tintervjeni altrimenti jkompli jirrakonta. Pero dan ma kienx tul id-depozizzjoni tieghu! Il-Qorti

setghet tinnota li l-imputat ma kienx pjuttost car, anzi sahansitra kien evaviz, jew wiegeb li ma kienx jaf meta gie mistoqsi dwar dak li jinghad li huwa ghamel lil OMISSIS u lil OMISSIS. Fir-rigward ta' OMISSIS, jghid li ma jiftakarx jekk laqatx sidirha jew le. Apparti minn dan, il-Qorti tinnota kif fl-ewwel stqarrija rilaxxata minnu lill-Pulizija, meta l-imputat gie mitlub x'mar jaghmel fil-kamra tas-sodda ta' OMISSIS waqt li kienet wahidha, l-imputat ma semma xejn li waqaf jisma' d-diski ma' OMISSIS u wiegeb hekk: *"Jekk niftakar sew il-kamra tas-sodda ta' OMISSIS hija kuritur li tghaddi minn naha ghal ohra. Jien kont ghaddej, OMISSIS kienet qed tisma d-diski u sellimtilha u bqajt ghaddej"* (*a fol.* 12(a)). Kien biss wara li gie nfurmat mill-iSpettur Briffa li huwa qaghad jisma' d-diski li huwa kkonferma li kien qed jisma' d-diski ma' OMISSIS u jzid jghid: *"sa fejn naf jien qatt ma missejtha"* (*a fol.* 13). Mistoqsi ghala aktar kmieni ma qalx li waqaf hdejn OMISSIS u qaghad jisma d-diski u semplicement qal li sellmilha, wiegeb: *"Dik kienet parti mit-tislima"* (*a fol.* 13). L-imputat m'huwiex kredibbli meta jghid hekk! Fir-rigward tal-*barbeque* jghid li ma ghandux amment li OMISSIS u ommha kienu prezenti. Fir-rigward ta' OMISSIS jghid li huwa dawwar idejh maghha, qalilha *"cosy, cosy"* u hi qaltlu biex ihallieha.

Illi l-Qorti trid issa tghaddi sabiex tara jekk tirrizultax ir-rejita' taht l-Artikoli tal-Ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tat-12 ta' Novembru 2015.

**<u>L-Ewwel (1) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Artikolu 203 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>**:
Illi l-Qorti tabbracja dak li nghad hawn il-fuq f'din is-sentenza fir-rigward ta' OMISSIS fejn inghad li l-Qorti mhijiex kompletament sodisfatta minn dak li hija tirrakonta u b'hekk mhemmx ghalfejn li l-Qorti tghaddi kummenti jew konsiderazzjonijiet ohra fir-rigward tal-imsemmija OMISSIS ghajr ghall-fatt li minn issa l-Qorti tista' tiddikjara li l-imputat mhux ser jinstab hati ta' dik il-parti tal-imputazzjoni in ezami fejn issir riferenza ghal OMISSIS. Ghaldaqstant, il-Qorti ser issa tghaddi biex tara jekk dak li jirrakkontaw OMISSIS u OMISSIS jammontax ghal dak li huwa rikjest sabiex jigi pruvat Artikolu 203 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi Artikolu 203 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jikkontempla r-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni. Il-Qorti tibda billi taghmel riferenza ghal dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali f'sentenza tat-8 ta' Jannar 1996 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Thomas Wiffen** dwar l-element materjali ta' dan ir-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni u cioé:

> *"For the completed offence, and apart from the formal element of the offence, there must be the lewd act ("atto di libidine") and the actual defilement. The lewd act may be committed either on the person or in the presence of the minor. All acts which either of their very nature or of the circumstances in which they are performed are directed to the indulgence of the sexual appetite either of the agent or of the victim and are capable of arousing the sexual interest of the victim, are lewd acts for the purposes of the offence in question. Francesco Carfora, writing in the Digesto Italiano in connection with Section 335 of the Zanardelli Code (which provision, as far as the elements of the offence are concerned, was identical to our Section 203) has this to say as regards the notion of "lewd acts".*
>
> *"Atti di libidine debbono ritenersi tutti quei contatti e quelle manovre, che possono eccitare i sensi, anche se non giungono allo sfogo completo della libidine. Senza poi entrare nelle varie questioni sorte nella pratica e nella giurisprudenza circa alla valutazione di singoli atti per vedere se debbasi o no attribuir loro il carattere di atti di libidine, specie in ordine al bacio, del quale lungamente si occupa il Carrara, noi rileveremo come norma generale che gli atti, a cui si riferisce la legge, debbono essere materiali e di una certa entita' e tali da aver rapporto prossimo é diretto colle funzioni sessuali" (Vol. VIII, parte 3, p. 967).*
>
> *Lewd acts are therefore all those acts "diretti ad eccitare la propia concupiscenza verso piaceri carnali turpi per se stessi o per le circostanze in cui si cerca di provocarli, ovvero diretti a sodisfare siffatta concupiscenza" (Manzini, V., op. cit., p. 359). The duration of these acts is immaterial for the notion of a lewd act. There is no doubt in the mind of this Court that the touching of*

*the breasts or of the private parts of a young girl -- in the case under examination appellant's daughter was not yet twelve years old when the first acts were performed -- with the intention either of gratifying one's libidinous tendencies or of arousing the sexual interest of the said girl, are lewd acts."*

Dwar ir-rekwizit tal-korruzzjoni *per se* l-istess Qorti tal-Appell fl-imsemmija sentenza qalet hekk:

*"As to the requirement of actual defilement, this is obviously not something that can be measured with any known scientific instrument, but is something which has to be assessed by the prudent judge -- the lay judge in the case of a trial by jury, the professional magistrate or judge in all other cases -- taking into account all the circumstances of the case including in particular the age of the victim and the nature of the act or acts. Appellant, in his application, states that in order that one can speak of actual defilement "at least the curiosity or the interest of the minor should have been aroused", so that "if the minor is already strong-willed enough and rejects even the least advance by the offender" then, always according to appellant, there is no actual defilement. Now, whereas the minor's reaction is a fact to be taken into account, it is not the sole criterion, nor indeed the most important criterion, of whether or not there has been actual defilement. The defilement may be actual but its effects delayed. As Sir Anthony Mamo points out in his Notes on Criminal Law:*

*"For the subsistence of the crime it is not necessary that the defilement shall be immediate. The very young age of the person with whom the lewd acts have been committed does not rule out the crime, if the remembrance of such acts is calculated to cause the defilement. Indeed, according to our law, if the victim is under twelve years of age, that is a reason for aggravating the crime" (p. 226).*

*[..] In other words if the acts in question are lewd acts in the sense above defined, that is are apt to bring about a lesion of the moral integrity of the passive subject in respect of sexual matters, then, in the absence of any indication that the said passive subject*

*has not been affected by those acts -- for example, because he or she was, to some degree, already depraved -- whoever has to judge the facts may reasonably conclude that there was actual or effective defilement."*

Illi l-Qorti hija tal-fehma li riferenza ghandha ssir ukoll ghas-sentenza fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Omar M. Ammar Z. Jolqham** deciza fil-15 ta' Frar 2008 fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet is-segwenti:

"L-ewwel Qorti rravvizat f'dan kollu r-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni. Bid-dovut rigward lejn l-Ewwel Qorti, din il-Qorti ma taqbilx. Il-fatti kif deskritti mit-tfajjel MM, fil-fehma ta' din il-Qorti, jammontaw (ghal dak li jirrigwarda l-ewwel imputazzjoni) ghar-reat ta' attentat vjolenti ghall-pudur tat-tfajjel MM – reat li hu inferjuri fil-gravità ghal, izda kompriz u involut fi, ir-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni – u fil-forma kontinwata *stante* li certi atti sehhew fil-kazin u ohrajn fl-appartament. Din il-Qorti kellha digà okkazzjoni li telabora dwar id-differenza bejn iz-zewg reati fis-sentenza taghha tat-13 ta' Novembru 1998 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Micallef**, ghal liema sentenza qed issir piena riferenza a skans ta' hafna ripetizzjoni. Inghad in partikolari f'dik is-sentenza hekk:

[…]

Anke fil-kaz in dizamina, ghandna biss tokkamenti fuggeski fuq il-parti genitali u fuq il-hwejjeg, tmellis fuq l-idejn u l-koxxa u – fl-appartament – tenattiv ta' bewsa fuq ix-xufftejn. **Ebda wiehed minn dawn l-atti ma jammonta ghal att ta' libidini – "lewd act" – *ut sic*, ghalkemm jistghu certament ikunu l-preludju ghal tali atti.** Dawn gew kommessi f'zewg okkazzjonijiet separati, fil-kazin u fl-appartament, izda certament saru bhala konsegwenza ta' rizoluzzjoni wahda, rizoluzzjoni preordinata biex l-appellant jillixka lit-tfajjel ghal atti aktar serji. Il-piena ghall-dan ir-reat, fil-forma kontinwata, hija minn minimu

> ta' hames xhur prigunerija sa massimu ta' sentejn prigunerija" [emfazi mizjuda].

Wara li saret din l-esposizzjoni legali dwar ir-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni kontemplat fl-Artikolu 203 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tinnota li filwaqt li ma ghandha l-ebda dubju li dak li gie rakkontat minn OMISSIS ma jikkostitwixxiex *atti di libidini*, il-Qorti ghandha dubji taghha dwar jekk dak li gie rakkontat minn OMISSIS jikkostitwixxiex dawn l-imsemmija *atti di libidini*. Apparti minn dan, il-Prosekuzzjoni naqset milli taghmel il-prova li l-imsemmija OMISSIS u OMISSIS gew effettivament korrotti. Fir-rigward ta' OMISSIS, il-Qorti tinnota li hija ma ghamlet l-ebda rapport lil hadd u li hija spiccat bhala "vittma" f'dawn il-proceduri wara li l-Prosekuzzjoni wessghet l-investigazzjonijiet taghha. Fir-rigward ta' OMISSIS, apparti l-fatt li jinghad li hija ma riditx tkun prezenti fejn jew meta l-imputat kien ser ikun prezenti, però fl-istess waqt il-Qorti tinnota li bhala persuna, OMISSIS hija persuna kemm xejn timida u li bhala persuna kienet diga maghluqa fiha nnifisha minhabba l-problemi li kienu ghaddejjin minnhom il-genituri taghha fiz-zwieg taghhom, liema problemi kienu diga jezistu meta l-imputat ghamel dak li OMISSIS tghid li ghamel fil-konfront taghha. Tenut kont ta' dak li nghad fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Omar M. Ammar Z. Jolqham** ikkwotata hawn fuq ma tirrizultax il-korruzzjoni effettiva ta' OMISSIS, u anqas ta' OMISSIS. Filwaqt li l-Qorti taghmel riferenza ghal dak li nghad aktar il-fuq fir-rigward ta' OMISSIS, il-Qorti hija tal-fehma li l-agir tal-imputat fil-konfront ta' OMISSIS u OMISSIS kien wiehed deplorevoli pero' madanakollu l-Qorti hija tal-fehma li dak li ghamel l-imputat fil-konfront ta' OMISSIS u OMISSIS ma jammontax ghall-eghmil zieni kif trid il-ligi u *stante* li f'dan il-kaz l-estremi legali rikjesti sabiex jissussisti r-reat ikkontemplat fl-Artikolu 203 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ma jirrizultawx, l-imputat mhux ser jinstab hati tal-ewwel (1) imputazzjoni addebitata fil-konfront tieghu u b'hekk ser jigi liberat minnha.

**<u>It-Tieni (2) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Artikolu 204C(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>**:

Illi taht it-tieni (2) imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat li ppartecipa f'attivitajiet sesswali ma' OMISSIS, OMISSIS u OMISSIS. Il-Qorti tinnota minghajr ma tlaqlieq ta' xejn li ma jirrizulta l-ebda partecipazzjoni f'attivitajiet sesswali da parte tal-imputat fir-rigward ta' OMISSIS, OMISSIS u OMISSIS. Ikun ezercizzju inutli li l-Qorti tipprova tifhem ghala l-Avukat Generali kkwota dan l-Artikolu tal-Ligi li skond hu setghet tinstab htija fl-imputat meta l-Avukat Generali messu kien jaf li ma kien jirrizulta xejn dwar dan l-Artikolu. Mill-atti processwali, b'mod partikolari mid-depozizzjonijiet moghtija minn OMISSIS, OMISSIS u OMISSIS quddiem il-Qorti, ma jirrizultax dak li l-imputat qed jigi akkuzat bih taht it-tieni (2) imputazzjoni u b'hekk l-imputat mhux ser jinstab hati tal-imsemmija imputazzjoni u b'hekk ser jigi liberat minnha.

**<u>It-Tielet (3) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Artikolu 207 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>**:
Illi l-Qorti hija tal-fehma li t-tielet (3) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat giet moghtija bhala alternattiva ghall-ewwel (1) imputazzjoni u *stante* li l-imputat ser jigi liberat mill-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, il-Qorti ser taghmel is-segwenti konsiderazzjonijiet fir-rigward tat-tielet (3) imputazzjoni.

Illi taht it-tielet (3) imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat li kkommetta attentat vjolenti ghall-pudur fuq il-minuri OMISSIS, OMISSIS u OMISSIS.

Illi fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Micallef** deciza fit-13 ta' Novembru 1998, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Kif gie spjegat magistralment mill-kompjant Imhallef William Harding, fis-sentenza tat-8 ta' Jannar, 1955, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Kelinu Mifsud** (Vol. XXXIX.iv.931), il-kriterju differenzjali senjat mil-ligi stess bejn ir-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni u dak ta' attentat vjolenti ghall-pudur huwa wiehed negattiv, fis-sens li jekk jikkonkorru fil-fatt addebitat lill-imputat ir-rekwiziti tal-korruzzjoni ta' minorenni hemm dan id-delitt, jekk le hemm l-attentat vjolenti ghall-pudur (p. 933). […]

[K]if gie osservat fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Kelinu Mifsud** (*supra*),

"Ghandu jigi […] osservat li fil-korruzzjoni ta' minorenni, appuntu minhabba mhux biss il-kliem *"atti ta' libidini"*, imma anke *stante* l-kelma *"jikkorrompi"*, hemm indikata l-opera perikoluza tas-seduzzjoni, li, kif irrilevat il-Kummissjoni tal-Kamra tad-Deputati fl-Italja, fid-diskussjoni tal-progett tal-Kodici Kriminali tal-1887 (Relaz. CXCIX), ghadha tigi differenzjata minn *"un fuggevole atto lesivo del pudore""* (p. 934).

Fi kliem iehor, l-istess att jista' jammonta biss ghal att leziv tal-pudur ta' dak li jkun jew, jekk ikunu jikkonkorru certi cirkostanzi li jaghmluh hekk, dak l-att ikun att ta' libidini. Il-ligi taghna tikkontempla li r-reat ta' attentat vjolenti ghall-pudur jista' jigi kommess anke fuq minorenni, kif jista' jigi kjarament desunt kemm mill-fatt li l-*proviso* tal-Artikolu 207 taghmel riferenza ghall-paragrafu (g) tal-Artikolu 202 tal-Kodici Kriminali, kif ukoll mill-Artikolu 201(a) tal-istess Kodici. Ghalhekk wiehed ma jistax jargumenta li kull att leziv tal-pudur ta' minorenni jammonta awtomatikament jew necessarjament ghal att ta' libidini.

Fil-kaz in dizamina, din il-Qorti tara li l-atti kommessi mill-appellant, deplorevoli kemm hum deplorevoli meta wiehed iqis ir-relazzjoni li kienet tezisti ta' ghalliem u studenti, ma kienux jammontaw ghal atti ta' libidini fis-sens tal-ligi taghna peress li, ghall-anqas kif jirrizulta li gew kommessi f'dan il-kaz – tokkamenti ta' malajr u minghajr ma gew preceduti jew segwiti b'xi attitudni ta' seduzzjoni – dawn l-atti kienu nieqsa mill-potenzjalita' korruttrici. Dawn l-atti, izda certament waslu biex jilledu s-sens ta' pudur tat-tfajliet li, minkejja l-età tenera taghhom, hassew li kien hemm xi haga mhux korretta f'dak li kien qed

jaghmel l-appellant, nehhewlu jdejh, u tlieta minnhom anke rraportawh dak il-hin stess lil Miss Casaletto.

L-appellant ma jistax jippretendi li dak li ghamel ma jammontax ghal attentat vjolent ghall-pudur. Il-ligi taghna tipprovdi li kull attentat ghall-pudur jitqies bhala vjolenti meta jsir fuq persuna taht l-eta' ta' tnax-il sena (Art. 201(a), Kap. 9). Anke li kieku ma kinitx tapplika din id-disposizzjoni b'din il-prezunzjoni ta' ligi, mill-provi jirrizulta car li dak li sar mill-appellant sar kontra l-volonta' tat-tfal in kwistjoni u, f'dan is-sens, vjolentement. L-iskop li ghalih ikun sar l-att hu rrelevanti. Kif inghad mill-Qorti Kriminali taghna komposta minn tlett Imhallfin fit-2 ta' Dicembru, 1901 fil-kawza **Sua Maestà il Re v. Carmelo Delia** (Vol. XVII.iv.7):

*"Atteso che secondo la costante giurisprudenza dei nostri tribunali il reato contemplato nel precitato articolo comprende qualunque atto che si estrinseca nell'oltraggio violento all'altrui pudore, per qualsiasi motivo diretto, senza che nulla influisca sulla nozione del reato la diversità della causa che abbia spinto ad agire, sempre che l'azione abbia prodotto il risultato di oltraggiare violentemente il pudore altrui"* (p. 8).
Din il-Qorti taghmel referenza wkoll ghas-sentenza tal-kompjant Imhallef Fortunato Mizzi tas-7 ta' Gunju, 1977 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Orazio Godwin sive Horace Laudi**".

Illi, aktar il-fuq f'din is-sentenza, il-Qorti diga ghamlet il-konsiderazzjonijiet taghha fir-rigward ta' dak li qalet OMISSIS u b'hekk m'ghandux ikun hemm dubju li l-imputat ghandu jigi liberat minn dik il-parti tat-tielet (3) imputazzjoni fejn issir riferenza ghall-imsemmija OMISSIS.

Illi, fir-rigward ta' OMISSIS, il-Qorti tinnota li f'dak li OMISSIS tirrakonta vis-à-vis l-imputat ma tara l-ebda attentat vjolenti ghall-pudur fuqha mill-imputat. Il-Qorti ma tara l-ebda skop ta' *libidine* f'dak li ghamel l-imputat u dana qieghed jinghad ukoll wara li jigi

kkunsidrat li l-imputat u OMISSIS marru jixtru l-ikel ghalihom u ghal shabhom, li agixxew bhala zewgt'ihbieb u li OMISSIS stess ma gietx affettwata bl-ebda mod b'dak li gara tant li r-relazzjoni ta' hbiberija taghhom ma gietx affetwata. Ghaldaqstant, l-imputat ser jigi liberat ukoll minn dik il-parti tat-tielet (3) imputazzjoni fejn issir riferenza ghall-imsemmija OMISSIS.

Illi, fir-rigward ta' OMISSIS, apparti li l-Qorti diga ghamlet il-konsiderazzjonijiet taghha fir-rigward ta' dak li hija qalet li l-imputat ghamel fil-konfront taghha, il-Qorti tinnota wkoll li hija twieldet fid-9 ta' April 1997[5], li meta xehdet fis-sena 2014 taghmel riferenza ghas-sajf ta' erba' snin qabel, cioé tas-sena 2010, u b'hekk kellha tlettax (13)-il sena. Minkejja li, b'differenza tal-kaz hawn fuq citat, il-minuri fil-kawza odjerna kellha tlettax (13)-il sena, jirrizulta li dak li sar mill-imputat sar kontra l-volonta' ta' OMISSIS u, f'dan is-sens, vjolentement. *Di fatti*, il-Qorti semghet lil OMISSIS, lil ommha OMISSIS u lin-nanna taghha OMISSIS jirrakontaw kif kienet tagixxi l-imsemmija OMISSIS fil-konfront tal-imputat.

Illi l-Qorti hija tal-fehma li, tenut kont ta' dak li nghad hawn fuq, dak li ghamel l-imputat fil-konfront ta' OMISSIS ghandu jitqies bhala attentat vjolenti ghall-pudur fuqha u b'hekk dik il-parti tat-tielet (3) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat li taghmel riferenza ghal OMISSIS giet sodisfacentment pruvata u ghaldaqstant l-imputat ser jinstab hati ta' din il-parti tat-tielet (3) imputazzjoni.

**<u>Ir-Raba' (4) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Artikolu 251A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta):</u>**

Illi l-Qorti tinnota li din l-imputazzjoni taghmel riferenza biss ghal OMISSIS. Il-Qorti tinnota wkoll li fid-decizjoni moghtija fil-21 ta' Frar 2012 mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Mirko Giannetti**, fejn il-Qorti ghamlet riferenza ghall-kawza deciza mill-istess Qorti (diversament preseduta) fis-27 ta' Frar 2009 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Massimo Tivisini**, inghad hekk:

[5] Dok. "SB 5" – *a fol.* 370.

"Fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Massimo Tivisini** deciz fis-27 ta' Frar 2009, intqal dan rigward dan ir-reat:

"Illi ghalkemm, kif jissottometti l-appellant, it-terminu legali fastidju (bl-Ingliz 'Harassment') gie definit mill-Black's Law Dictionary - (7th. edit.) bhala:- *"Words, conduct or action (usu. repeated or persistent) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose"*, dan l-element ta' ripetizzjoni jew persistenza ma jridx jigi konsidrat *"in isolation"* b'riferenza biss ghall-kaz mertu tal-kawza imma bil-fors li jrid jitqies fl-isfond tar-retroxena u tal-agir precedenti tal-gudikabbli. Dan ghaliex kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali: **Il-Pulizija vs. Alan Caruana Carabez** [21.6.07]:- *"...f'kazijiet bhal dawn ir-retroxena ghal kull incident hija importanti biex il-Qorti tkun tista' tispigola l-incident izolat u accidentali minn agir abitwali ta' fastidju fuq perjodu ta' zmien"*.

[...]
Illi r-reat tal-"fastidju" (fit-test Ingliz 'harassment') gie introdott ghall-ewwel darba fil-ligi penali Maltija bl-Att XX tas-sena 2005 u inkorporat fl-Artikoli 251A, 251B, 251C u 251D tal-Kodici Kriminali. L-Artikolu 251A johloq ir-reat ta' persuna li ggib ruhha b'mod li taghti fastidju lil persuna ohra u b'mod li tkun taf jew imissha tkun taf li dan ikun ta' fastidju ghal dik il-persuna. Dan hu r-reat dedott taht ir-raba' imputazzjoni. Il-ligi fis-sub-inciz (2) tkompli tiddisponi li persuna li tkun qed iggib ruhha b'mod dubjuz imissha tkun taf li dik l-imgieba tammonta ghal fastidju ta' persuna ohra jekk fil-qies ta' persuna ragjonevoli li jkollha l-istess informazzjoni, din kienet kieku tahseb li dik l-imgieba kienet tammonta ghal fastidju tal-persuna l-ohra. Fis-subinciz (3)(c) il-ligi tkompli tghid li persuna akkuzata b'reat taht dan l-artikolu tista' ggib prova li fic-cirkostanzi partikolari dik l-imgieba kienet wahda ragjonevoli. Fl-Artikolu 251C hu provdut li

riferenzi ghall-ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludi meta wiehed jaghti qata' (*'alarming'*) jew idejjaq (*'causing...distress'*) lill-persuna.

[...]

Illi apparti mid-dispozizzjoni kontenuta fl-Artikolu 251C li tghid li riferenzi ghall-ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludu meta wiehed jaghti qata' jew idejjaq lill-persuna (*'alarming the person or causing the person distress"* fit-test Ingliz), il-ligi taghna ma taghti ebda definizzjoni ohra tat-terminu generiku fastidju jew *'harassment'*. Issa filwaqt li n-nuqqas ta' definizzjoni specifika u dettaljata tar-reat in dizamina taghmilha possibbli ghall-Gudikant li jqis bhala fastidju agir li jkun jiehu l-forma ta' diversi varjazzjonijiet tal-istess delitt, jista' mill-banda l-ohra johloq ukoll incertezzi fl-applikazzjoni tal-ligi penali fir-rigward ta' dawn it-tip ta' reati li ta' sikwit jinbtu minn relazzjonijiet interpersonali komplikati u delikati".

Din il-Qorti zzid dan li gej. L-Artikolu (251A tal-Kap. 9) huwa msejjes fuq l-ewwel zewg artikoli tal-**Protection of Harassment Act 1997** li jibda bil-kelmiet: *'A person must not pursue a course of conduct'* li fil-ligi taghna hekk: *'Persuna li ggib ruhha'*.

Skont l-**Archbold**: *'Two incidents can constitute a 'course of conduct' but the fewer the incidents and the greater their separation in time, the less likely it is that they should be described as 'a course of conduct'.* (**Lau v. DPP** (2000) 1 F.L.R. 799 DC).

*In **Pratt vs. DPP**, 165 J.P. 800 DC, it was said that the concern which the 1997 Act had been intended to meet was that persons should not be put in a state of alarm or distress by the behaviour of others; and that purpose had to be borne in mind when deciding whether to prosecute where there was only a small number of incidents relied upon. On the facts, it was held that*

*two incidents, three months apart, in the first of which the defendant threw a beaker of water at his wife, and in the second of which he chased her round the house, swearing and repeatedly questioning her, were close to the line, but the conviction could be sustained where the incidents took place against a background of an undertaking having been given in civil proceedings by the defendant not to use or threaten violence against his wife, nor to harass or pester her.*

*Under Section 1(2), the test is entirely objective; the reasonable man is not to be imbued with the peculiar characteristics of the offender, such as his mental illness; and the test is Section 1(30(c is even more clearly objective:* ***R v. Colohan***".

Illi, skond gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna, sabiex jissussisti r-reat ta' fastidju irid ikun hemm kontinwita' jew ripetizzjoni ta' incident u mhux incident wiehed. Kif diga' nghad aktar il-fuq, ir-raba' (4) imputazzjoni taghmel riferenza ghal OMISSIS biss. Tenut kont ta' dak li huwa rikjest sabiex tinstab htija taht ir-raba' (4) imputazzjoni, il-Qorti tinnota li minn dak li xehdu x-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni, b'mod partikolari dak li xehdet OMISSIS, ma jirrizultax il-*course of conduct* rikjest sabiex jissussisti r-reat in ezami. Fir-rigward tal-messaggi skambjati bejn l-imputat u OMISSIS ma jirrizulta l-ebda fastidju. Anqas mir-rapport redatt minn Dr. Martin Bajada (Dok. "MB 2" – *a fol.* 264 *et seq.*) ma jirrizulta l-ebda forma ta' fastidju da parte tal-imputat. Ghaldaqstant isegwi li l-imputat mhuwiex ser jinstab hati tar-raba' (4) imputazzjoni addebitata fil-konfront tieghu u b'hekk ser jigi liberat mill-imsemmija imputazzjoni.

**<u>Il-Hames (5) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Artikolu 48(1)(d) tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>:**
Illi l-hames (5) imputazzjoni temergi minn Artikolu 48(1)(d) tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta liema Artikolu ma giex indikat fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tal-Avukat Generali. Peress li l-Qorti hija marbuta mal-Artikoli tal-Ligi mibghuta mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju, u peress li Artikolu 48(1)(d) tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta ma giex indikat fl-

imsemmija Nota, il-Qorti ser ikollha tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-hames (5) imputazzjoni.

**<u>Artikoli tal-Ligi ndikati BISS fin-Nota tar-Rinviju ghall-Gudizzju tal-Avukat Generali (*a fol.* 468)</u>:**

- <u>Artikolu 49(c) tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta</u>: Dan l-Artikolu tal-Ligi jipprovdi li huwa reat kull uzu mhux xieraq ta' xi *network* jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika.

  Il-Qorti tinnota li Dok. "JG 1" (*a fol.* 151 *et seq.*) (li huwa identiku ghal Dok. "MG 1" (*a fol.* 200 *et seq.*)) ma giex konfermat minn min irrilaxxah, u filwaqt li tinnota li s-socjetatjiet Vodafone, Go, u Melita ma jirrikonnoxux lil SIM-Surf indikata fuq id-dokument imsemmi, il-Qorti tinnota wkoll li minkejja li gie pruvat li n-numru cellulari OMISSIS jappartjeni lill-imputat, minn imkien ma' jirrizulta sodisfacentement pruvat ta' min hu n-numru OMISSIS. Apparti minn dan, mir-rapport redatt minn Dr. Martin Bajada (Dok. "MB 2" – *a fol.* 264 *et seq.*) ma jirrizultax dak li qed jigi addebitat bih l-imputat taht Artikolu 49(c) tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti zzid tghid li bla ebda tigbid tal-immaginazzjoni ma jista' jinghad li l-messaggi li jissemmew fid-depozizzjoni moghtija minn OMISSIS jigu kkunsidrati bhala ksur tal-Artikolu 49(c) tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta. Tent kont ta' dan kollu u tenut kont tal-fatt li mid-depozizzjonijiet moghtija mix-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni, inkluz OMISSIS, OMISSIS u OMISSIS, ma jirrizultax dak li l-imputat qed jigi akkuzat bih *ai termini* ta' Artikolu 49(c) tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti mhux ser issib htija fl-imputat taht l-Artikolu msemmi.

- <u>Artikoli 202(k), 208AC(1)(g), 208AC(2)(b), u 208B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta</u>: Filwaqt li l-ewwel tlett Artikoli jirrigwardaw cirkostanzi aggravanti, l-ahhar Artikolu (cioé Artikolu 208B) huma dispozizzjonijiet li jaghmlu riferenza ghal numru ta' Artikoli ohra.

**Ikkunsidrat**

Illi, tenut kont ta' dak kollu li nghad hawn fuq, hija biss dik il-parti tat-tielet (3) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat li taghmel riferenza ghal OMISSIS li giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jigi misjub hati biss ta' din il-parti tat-tielet (3) imputazzjoni.

Illi, fir-rigward tal-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat ghall-imputazzjoni li giet addebitata lilu u li giet pruvata, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: fuq naha wahda, il-fedina penali (Dok. "A" – *a fol.* 9) tal-imputat (li hija wahda kompletament nadifa) u l-inizjattivi kollha pozittivi maghmula mill-imputat fil-hidma tieghu (kemm dik pastorali kif ukoll dik bhala edukatur) u, fuq in-naha l-ohra, in-natura tal-imputazzjoni li giet pruvata, l-etá ta' OMISSIS meta gie kkommess ir-reat fuqha, il-mod li gie kommess ir-reat pruvat fuq OMISSIS, u kif ukoll il-fatt li l-imputat huwa qassis. Il-Qorti hasbet fit-tul dwar il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat ghar-reat li gie pruvat u filwaqt li hadet in konsiderazzjoni l-piena moghtija fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Micallef** li saret riferenza ghaliha aktar il-fuq f'din is-sentenza u kif ukoll ghall-piena moghtija fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. *Omissis*** (Kaz. Nru. 164/12) moghtija fit-22 ta' Marzu 2017 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) (Imhallef David Scicluna) hija tal-fehma li l-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat ghandha tkun wahda ta' prigunerija, it-terminu ta' liema m'ghandux ikun wiehed effettiv pero ghandu jkun sospiz bl-intiza li l-imputat jifhem li dak li ghamel huwa hazin u jaghraf ma jergghax jirripetih. Il-Qorti taghmel taghha l-insenjament tal-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza deciza minnha fit-13 ta' Novembru 2009 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Maurice Agius** fejn inghad is-segwenti:

> "is-sentenza ta' prigunerija sospiza mhix, kif jahsbu xi whud, *a let off* jew semplicement *a slap on the hand*. Min ikun gie kkundannat ghal piena ta' prigunerija sospiza jrid

> ikun, matul il-perijodu operattiv taghha, kif jghid il-Malti, *'imqarar u mqarben'*, ghax appena huwa, matul dak il-perijodu, jikkommetti xi reat iehor li ghalih hemm stabbilita piena ta' prigunerija, meta jinstab hati ta' dak ir-reat l-iehor tigi attivata l-piena ta' prigunerija li tkun giet hekk sospiza, u dak li jkun ikollu allura jibda jiskontaha."

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti,

filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-hames (5) imputazzjoni,

ma ssibx lill-imputat hati tal-ewwel (1), tat-tieni (2), ta' dik il-parti tat-tielet (3) imputazzjoni fejn issir riferenza ghal OMISSIS u OMISSIS, u kif ukoll tar-raba' (4) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u b'hekk tilliberah minnhom,

ma ssibx lill-imputat hati ta' Artikolu 49(c) tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta msemmi BISS fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tal-Avukat Generali datata 12 ta' Novembru 2015 u b'hekk tilliberah minnu,

u

wara li rat in-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tal-Avukat Generali datata 12 ta' Novembru 2015 u senjatament Artikolu 207 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat Jesmond Gauci hati ta' dik il-parti tat-tielet (3) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu fejn issir riferenza ghal OMISSIS u tikkundannah ghall-perjodu ta' sena prigunerija li b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed tigi sospiza ghal perjodu ta' tlett (3) snin.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien tlett (3) snin.

*Ai termini* tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna lill-hati Gauci jhallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-espert f'dawn il-proceduri u cioé is-somma ta' hames mija u sitt Euro u erbghin centezmu (€506.40).[6]

B'applikazzjoni tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna l-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni ghall-perjodu ta' tlett (3) snin millum fejn il-persuna protetta hija OMISSIS u dana skond id-Digriet anness ma' din is-sentenza.

Finalment, il-Qorti tordna d-divjett tal-pubblikazzjoni, fi kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni, ta' isem OMISSIS, OMISSIS u OMISSIS u tal-familji taghhom.

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**

**Ms. Mary Jane Attard**
**Deputat Registratur**

[6] Dr. Martin Bajada (Dok. "MB 2" – *a fol.* 267 *tergo*) (€506.40).